MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
6



TAZZA TAD-DINJA
31




SNOOKER
38



Nru. 118 Jannar 2017

# SPORTIV



**Premier**
Taqtiegħa bejn erba' timijiet? 16

**Motorsport**
L-istaġun jidħol f'fażi interessanti

**FIFA Awards**
Ronaldo l-Aqwa Player

**Kompetizzjoni**
Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport

i

Click

**inewsmalta**.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA

# Jannar 2017



**Jesmond Moore**
*Editur*

Bdejna sena ġdida u qbiżna nofs l-istaġun.

Fl-erba' kampjonati organizzati mill-Malta Football Assocation, diġà hemm inidikazzjonijiet fejn jistgħu jmorru l-unuri u liema huma dawk it-timijiet li se jissieltu biex ma jiġux relegati.

U ladarba qed insemmu l-MFA ... bdiet il-ħidma l-ġdida tal-viċi-president, Matthew Paris, kif ukoll tad-direttur tal-komunikazzjoni, Kevin Azzopardi, li flimkien mas-segretarju ġenerali, Angelo Chetcuti (li ġie maħtur f'Diċembru li għadda) jifformaw triloġija u li jfissru s-sisien tal-futur ... u għaldaqstant nawgurawlhom ħidma sfieqa f'perjodu meta l-football għaddej minn mument diffiċli.

Fix-xena internazzjonali spikka l-unur li rebaħ l-attakkant internazzjonali Portugiż ta' Real Madrid, Cristiano Ronaldo, bħala l-Aqwa Player tal-FIFA meta aktar kmieni dan ix-xahar ingħataw il-FIFA Awards.

Bla dubju, unur meritat minħabba li kien strumentali għal Real u għal pajjiżu



## irbaħ €25 voucher ma' TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ l-unur tal-Aqwa Player tal-FIFA Awards 2016?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar, 2017:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41,**
**Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 117 hija:*
**Chapecoense**

*Ir-rebbieħ huwa: C. Vella (Qawra)*




THIAMIN CONTRIBUTES TO NORMAL
HEART
Help hearts run smoothly
ATERONON
FROM THE TOMATO PILL COMPANY
PROVEN LYCOPENE ABSORPTION
RESEARCHED BY CARDIOLOGISTS
SUITABLE FOR STATIN USERS
THIAMIN CONTRIBUTES TO NORMAL HEART FUNCTION
ONE-A-DAY food supplement
30 capsules
CamNutra
ATERONON®
FROM THE TOMATO PILL COMPANY
Uniquely absorbable, highly effective LactoLycopene
ONE-A-DAY food supplement
Available from all leading pharmacies
atg medical innovations


More styles and colours are available.
Art. No: 660127A1
Sizes: 40-46
Art. No: 560429A1
Sizes: 36-41
Art. No: 560443A1
Sizes: 36-41
Art. No: 8510401
Sizes: 36-41
snow
Art. No: 660214A1
Sizes: 40-46
Art. No: 8.541105
Sizes: 31-35
Art. No: 8.541103
Sizes: 31-35
Art. No: 460280T1
Sizes: 22-27
TIP TOES SHOE STORE
OPEN ALL DAY t: 21 480 270
MEGASTORE B'KARA BYPASS, B'KARA - THURS OPEN TILL 9PM
PAVI SUPERMARKET, QORMI, VALLETTA, SLIEMA
GOZO - 27, FORTUNATO STREET, GOZO t: 21 480 283
VALLETTA • SLIEMA • PAOLA • B'KARA • MOSTA • RABAT • GOZO
SHOP ONLINE:
www.tiptoes.com.mt
TEL: 21480270
Facebook.com/tiptoes.mt




**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarga nru.
# 118

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Mario Mercieca
Ryan Bezzina
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg

**Cover**
Cristiano Ronaldo bit-trofew li rebaħ bħala l-Aqwa Player tal-FIFA Awards 2016

UNION PRINT CO. LTD

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa

**Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.**





# Werrej

**6 MFA**
Timijiet barranin għal training camps f'Malta

**16 Premier**
Taqtiegħa bejn erba' timijiet?

**22 Super Cup**
Valletta jirbħu s-Super Cup għall-11-il darba

**24 L-Ewwel Diviżjoni**
L-isfida ewlenija bejn Naxxar L. u Qormi?

**25 It-Tieni Diviżjoni**
Żabbar SP jifthu beraħ il-kampjonat

**26 It-Tielet Diviżjoni**
Kalkara jifthu sitt punti vantaġġ

**27 Weightlifting**
Yazmin Zammit Stevens tkompli timpressjona

**31 Fażi finali tat-Tazza tad-Dinja**
Il-Fifa tespandi l-finalisti għal 48 team mill-2025

**32 FIFA Awards 2016**
Cristiano Ronaldo jirbaħ l-aqwa unur

**34 YOUTH FA**
Ħidma kontinwa

**36 Motorsport**
L-istaġun jinsab f'nofs l-istaġun

**38 Snooker/Pool**
Marco Fu jegħleb lil John Higgins bi tmien frames

**40 Gozo Sports**
Għajnsielem Redcoats jiksbu fondi mill-UE għal proġett tas-softball

**42 Meusac**
Ir-relevanza kontinwa tad-diplomazija sportiva

**44 Storja tal-Football Malti**
Valletta jirreġistraw rebħa kbira ta' 6-0 fuq Floriana

**46 Tisliba/Spotball**
Irbaħ ma' EuroSport u ma' Fitness Studio

mfa.com.mt



# Il-faċilitajiet tal-MFA u t-temp Malti jattiraw timijiet barranin għal training camps f'pajjiżna

Matul din is-sena se jkunu qed iżuru gżiritna bosta timijiet biex jieħdu sehem fi training camps. Dan ġie żvelat f'konferenza tal-aħbarijiet li saret aktar kmieni dan ix-xahar fejn ingħataw id-dettalji dwar dawn it-training camps.

Fost it-timijiet li diġà ġew u dawk li ġejjin huma Fortuna Dusseldorf, Club Sportiv Universitatea Craiova, FC St Gallen, Stabaek, RZ Pellets WAC, FC Wintherthur, it-team nazzjonali ta' Slovakkja u selezzjoni mill-Major League Soccer.

Il-kelliema f'din il-konferenza stampa kienu s-segretarju ġenerali tal-MFA, Angelo Chetcuti, iċ-chairman tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, Gavin Gulia u ċ-chairman tal-Malta Football Camps, Hannes Empel.

Dr Chetcuti saħaq li fis-snin li għaddew in-numru ta' talbiet minn clubs prominenti Ewropej biex jorganizzaw training camps f'Malta żdiedu bil-bosta. B'rispons għal dan l-MFA ddeċidiet li tkompli bl-avvanzi tagħha biex ittejjeb il-faċilitajiet tagħha halli tkun f'pozizzjoni aħjar biex tospita iktar timijiet u tkompli tiżviluppa s-suq tagħha.

Huwa kompla jgħid li b'dan f'moħħha, l-MFA wettqet diversi proġetti maġġuri fosthom l-installazzjoni ta' sistema ta' flood-lighting ġdida fit-Training Grounds, f'Ta' Qali, waqt li ġie mibdul il-pitch fl-Istadium Nazzjonali għal wieħed tal-ogħla livell meqjus bħala state of the art, imsejjaħ 'hybrid pitch'.

Is-segretarju ġenerali tal-MFA tenna li dawn il-proġetti msemmija se jkunu qed jiggarantixxu li l-faċilitajiet f'pajjiżna se jkunu f'sintonija mat-talbiet rikjesti minn timijiet tal-ogħla livell bħal dawk li se jkunu qed jipparteċipaw f'dawn it-training camps.

Kien imiss liċ-chairman tal-Malta Football Camps, Hannes Empel, li jesprimi l-fehmiet tiegħu. Huwa saħaq li ma kellux dubju li sa mill-ewwel darba li tefgħu ħarsithom fuq Malta, kienu konxji mill-fatt li pajjiżna kien joffri l-ingredjenti kollha meħtieġa fosthom pitches tal-ogħla livell, lukandi tajbin, temp mill-aqwa, al-mosfera tajba u ħafna persuni li jħobbu l-football.

Huwa sostna wkoll li wara l-ewwel staġun li huma kkolaboraw ma' Malta, ma ħarġux diżappuntati.

Is-Sur Empel żied jgħid li kienu wkoll jafu li Malta kienet se tissemma' ħafna f'media internazzjonali minħabba t-timijiet ta' profil għoli li kienu ġejjin jilagħbu fi gżiritna.

Dan kollu ġie rikonoxxut ukoll mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, l-MTA, li kienet









rappreżentata f'din il-konferenza stampa miċ-chairman tagħha, Gavin Gulia.

Huwa qal li jinsab kuntent ħafna li l-kumpanija, Malta Football Camps, għat-tieni sena konsekuttiva, kienet reġgħet għażlet lil Malta biex tospita training camps b'timijiet tal-ogħla livell.

Dr Gulia spjega li dan għandu jerġa' jservi ta' reklam mill-aqwa għal pajjiżna biex ikompli jara rekords ta' numri ta' turisti minn pajjiżi barranin li jżuru Malta.

Kemm Dr Gulia kif ukoll is-Sur Empel spjegaw li jekk wieħed jiġi biex jgħodd it-total tal-valur tar-reklamar li Malta se tkun qed tirċievi matul dawn ix-xhur, dan jitla' għal total ta' xejn inqas minn €4 miljun.

Intant, waqt l-istess konferenza stampa tħabbar li Malta Football Camps kienet laħqet ftehim mal-kumpanija TRAVELclub li hija l-aqwa kumpanija f'dak li għandu x'jaqsam ma' organizzazzjoni ta' training camps fl-Isvizzera.

Huma wkoll l-aġenti uffiċjali tal-ivjaġġar tat-team nazzjonali Svizzeru tal-football, ice-hockey, tennis kif ukoll tal-handball.

Din il-koperazzjoni fit-tul se tkun qed tara lill-MFC u lit-TRAVELclub jippromwovu diversi training camps tal-football f'Malta. MFC se tkun responsabbli minn timijiet professjonali, waqt li TRAVELclub se tkun responsabbli mis-settur tal-amateurs.

Intqal li l-MFC tinsab kunfidenti li, wara l-ewwel staġun tagħha f'Malta, hija għandha dak kollu meħtieġ biex torganizza training camps ta' ċertu livell, waqt li għandha l-għan li jiġi assigurat il-fatt li bejn 30 u 40 team professjonali tal-football u 150 team amateur jkunu qed iżuru gżiritna għal training camps fil-perjodu ta' bejn Jannar u Marzu ta' kull sena.

Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn training camps li saru matul is-sena li għaddiet u jittrasformahom f'numri, jinnota li kien hemm 16-il training camp f'pajjiżna bejn Jannar u Marzu, saru 230 sessjoni ta' taħriġ, u ntlagħbu 16-il logħba ta' ħbiberija.

Dan filwaqt li ġew imxandra b'mod dirett fuq it-televiżjoni jew fuq l-internet disa' logħbiet waqt li lukandi prinċipali madwar Malta rreġistraw xejn inqas minn 9,543 iljieli ta' akkomodazzjoni minn timijiet li ħadu sehem f'dawn it-training camps, meta wieħed jinkludi lill-players, uffiċjali, partitarji u ġurnalisti.



## Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali tal-MFA,
# Dr Angelo Chetcuti



Kulħadd jixtieq li jekk ikun possibbli jgħaqqad ix-xogħol ma' xi ħaġa li vera jħobb. Xahrejn ilu jiena ngħatajt din l-opportunità mill-familja tal-football. Konxju minn dan il-privileġġ u proprju għalhekk l-intenzjoni tiegħi m'hi xejn għajr li nagħti lura dak kollu li nista' u li naf.

L-ewwel jiem fil-kariga, kif mistenni, ma jkunux faċli. Iżda konvint li bl-għajnuna ta' kulħadd, sa ftit żmien ieħor se jkolli diġà ħafna aktar esperjenza ta' x'jirrikjedi l-mistier. Ġej minn diversi snin involut fil-football Malti, u din l-esperjenza tiswa ħafna għaliex naf ir-realtajiet u l-isforzi ta' dawk kollha li jikkontribwixxu b'modi differenti.

Is-sena 2016 ma kinitx waħda faċli għall-football Malti. Ovvjament segwejt l-iżviluppi li għaddejna minnhom, inkluż maltemp mhux mistenni. Filwaqt li m'għandniex nitfgħu l-problemi taħt it-tapit, nemmen li xi kultant niffukaw wisq fuq in-negattiv.

Mil-lenti ta' amministratur inħoss li l-football Malti għamel passi 'l quddiem. Ovvjament jiena stess bħala partitarju nixtieq ħafna aktar fejn jidħlu riżultati. Iżda anki hawn għandna għalfejn inkunu ottimisti jekk inħarsu lejn is-sensiela ta' riżultati li kellna dan l-aħħar fil-livell tal-Under 21. Kif dejjem għidt, il-kejl tal-football mhuwiex biss ir-riżultati fl-immedjat, imma b'mod aktar wiesa' kemm tfal jilagħbu (kemm subien u kemm bniet), kemm qed isir progress f'diversi oqsma importanti bħall-*grassroots*, fil-clubs u fil-*coaching education*, u wara kollox anke kemm nies jitħambqu fuq kull logħba jew azzjoni, sakemm il-passjoni tibqa' kbira, kif persważ li hi.

L-obbligu tagħna hu li nagħmlu l-almu kollu biex minkejja l-limiti tagħna, naraw li l-logħba tibqa' tikber fid-dimensjonijiet kollha tagħha.

Lilek li qed taqra, nawguralek li tibqa' tgawdi u nixtieqlek sena mimlija saħħa u ġid.



## Messaġġ mill-viċi-president elett ġdid,
# Matthew Paris

Sena ġdida, realtà ġdida, kariga ġdida, ħidma ġdida. Dan huwa dak li fissret il-bidu tas-sena 2017. Dan huwa dak li qiegħed nirpprova inwettaq ta' kuljum, flimkien ma' sħabi, hekk kif issa bdejt naħdem u nopera fi ħdan il-kariga l-ġdida fil-Malta Football Association.

Kif intqal diġà, id-diversi vakanzi fi ħdan l-assoċjazzjoni wasslu sabiex jitkompla l-proċess ta' tiġdid li huwa ferm importanti sabiex l-Assoċjazzjoni tkompli fl-impenn tant importanti tagħha, li fost oħrajn, jinkludi l-iżvilupp tal-logħba f'pajjiżna.

Kif wieħed jista' jimmaġina, ix-xogħol huwa wieħed impenjattiv ferm, iżda aktar minn hekk, huwa wieħed li jagħtik ħafna sodisfazzjon.

Sodisfazzjon espress kull darba li kull problema tiġi konvertita f'opportunità, sodisfazzjon kull darba li tosserva titjieb fil-faċilitajiet, sodisfazzjon kull darba li naħdmu sabiex ngħinu l-ħafna voluntieri fi ħdan il-familja kalċistika.

U speċifikament dwar il-volontarjat xtaqt nitkellem, għaliex dan għandu jiġi mħares, protett u mfaħħar. Kienet il-ħidma volontiera li wasslet sabiex il-logħba tagħna titjieb u tiġi żviluppata. Forsi għadna 'l bogħod minn traġwardi li lkoll nixtiequ nilħqu, iżda jien ninsab ċert li kieku ma kienx għal ħafna nies li wettqu x-xogħol tagħhom b'mod volontier, lanqas viċin fejn qegħdin bħalissa m'aħna qegħdin.

Dan għandu jagħti sens ta' impenn u injezzjoni ta' ħeġġa sabiex naħdmu aktar … sabiex intejbu aktar … sabiex flimkien inwasslu l-logħba f'pajjiżna f'dimensjoni oħra.

Finalment, hekk kif għadna fil-bidunett tas-sena, xtaqt permezz ta' dan il-messaġġ inwassal l-awguri tiegħi għal sena ġdida, sena eċċitanti għalina s-segwaċi tal-logħba tal-football lokali.

# Ir-referee **Esther Azzopardi** onorata bil-midalja tal-Qadi tar-Repubblika



L-isem ta' Esther Azzopardi mhuwiex xi wieħed ġdid fix-xena sportiva, speċjalment ma' dawk id-dilettanti tal-football.

Hija meqjusa minn fost l-aqwa referees li għandna f'pajjiżna u mhux biss. Esther għamlet unur kbir lil Malta permezz tal-kontroll impekkabbli ta' partiti barra minn xtutna, tant li laħqet l-ogħla livelli possibbli ta' refereeing tas-sess femminili. Jum ir-Repubblika tas-sena 2016, se jibqa' fil-memorja tagħha matul ħajjitha kollha. Għaliha, kif jgħid il-Malti, kien 'jum b'differenza'. Dan għaliex ġiet onorata bil-midalja għall-Qadi tar-Repubblika, mill-Eċċellenza Tagħha, il-President ta' Malta, Marie Louise Coleiro Preca.

F'ċerimonja li saret fil-Belt Valletta f'Jum ir-Repubblika stess, Esther kienet preżentata b'din il-midalja grazzi għall-unur li għamlet u f'partiti tal-football barra minn xtutna. Kienet aħbar li ħafna midħla tal-footbal ħadu bħala sorpriża, anki għaliex kollox inżamm sigriet sal-ġurnata tant mistennija.

"Huwa unur prestiġjuż ħafna għalija. Kemm mil-lat ta' rikonoxximent wara li rrappreżentajt lil pajjiżi fl-ogħla kompetizzjonijiet bl-aħjar mod li stajt u anki mil-lat patrijottiku," qalet Azzopardi fl-ewwel kumment tagħha wara li ngħatat din il-midalja.

"Xi wħud forsi ma jagħrfux kemm huma kbar is-sagrifiċċji biex sportiva tieħu sehem jew tikkompeti fl-ogħla livelli. Fil-verità, tkun trid tibda tgħix ħajtek b'ħafna limitazzjonijiet minħabba d-dedikazzjoni li jkollox lejn l-isport tiegħek.

"Ħafna drabi noħroġ għat-taħriġ fis-sigħat bikrin ta' filgħodu ... ħinijiet xejn pjaċevoli. Ma' dan wieħed irid iżid jiem u ġieli anki ġimgħat 'il bogħod mill-familja minħabba s-safar li jkolli," sostniet Azzopardi.

Imma x'kienu l-ewwel ħsibijiet li għaddew minn moħħha hekk kif waslitilha l-aħbar li se tiġi preżentata bil-midalja tal-Qadi tar-Repubblika?

"Qisni ma stajtx nemmen. Għamilt l-ewwel ħames minuti nisma' l-eku ta' dak li kienu għadhom kemm qaluli. Ħsibt mhux ħażin x'ridt nagħmel u jekk hemmx xi proċeduri li ridt insegwi. Kien eċċitament uniku kif smajt ismi u qomt għall-midalja," qalet Esther.

Huwa unur kbir ukoll għad-Dipartiment tar-Referees ta' Malta fi ħdan il-Malta Football Association. Diversi kollegi referees ta' Azzopardi ferħulha personali, inkluż id-Direttur tar-Referees, Kevin Azzopardi,.

"Kienet reazzjoni pożittiva mmens minn kulħadd fid-Dipartiment. Dan huwa riżultat ta' snin twal ta' ħidma minn nies differenti f'dan is-settur. Huma kollha nies li għarfu l-potenzjal tiegħi u kienu kapaċi jiggwidawni biex nilħaq l-aħjar li nista' fil-karriera.

"Dejjem żammejt saqajja mal-art. Okkażjonijiet bħal dawn iġiegħluni nirrifletti fuq il-karriera tiegħi u kemm ilħaqt tragwardi s'issa. Inħossni kburija li rrefjajt fl-aqwa fażijiet fl-ogħla kompetizzjonijiet fl-Ewropa u fid-dinja.

"L-esperjenzi kollha ta' barra minn Malta huma kollha esperjenzi tal-ogħla livell. Biex wieħed jibqa' konsistenti fl-ogħla livelli jrid ikun iffukat il-ħin kollu. Kont ftit fortunata li kelli diversi opportunitajiet biex nagħmel diversi korsijiet barra minn Malta u għalhekk tħarriġt bl-aħjar mod possibbli u segwejt dejjem il-pariri siewja li ngħatajt," tenniet Esther.

Fl-aħħar kumment tagħha, Esther Azzopardi sellmet lil dawk il-persuni kollha f'ħajjitha li flimkien magħha għamlu sagrifiċċji oħra għaliha. "Bla dubju, il-familja tiegħi u l-familja tar-raġel tiegħi, Adriano, u ibni Gianni," qalet Azzopardi.

"Huma pilastri li nista' nserraħ rasi fuqhom b'għajnejja magħluqa. Aħna l-motivazzjoni ta' xulxin u qisna tlett iħbieb ta' vera li dejjem inkunu ta' appoġġ morali għal xulxin speċjalment fil-mumenti diffiċli tagħna.

"Nirringrazzja lill-persuna li nnominatni għal dan l-unur tant prestiġjuż. Grazzi lill-FIFA, lill-UEFA, lid-Dipartiment tar-Referees tal-MFA, lill-MFRA, lill-mentors, il-coaches u l-observers kollha, u lill-players u lill-coaches kollha waqt il-partiti li kkollaboraw miegħi u ħallewni nagħmel xogħli sew."

NOTA: Fid-19 ta' dan ix-xahar Esther Azzopardi ħabbret li rtirat mill-karriera tagħha. Fil-ħarġa li jmiss se jingħata profil bħala tislima għall-unur li għamlet lil Malta fix-xena internazzjonali.




# Aktar minn €12,000 mill-MFA b'solidarjetá mal-Istrina



Waqt riċeviment annwali li l-Malta Football Association organizzat fi żmien il-festi tal-Milied, il-President tal-Assoċjazzjoni Norman Darmanin Demajo ppreżenta għotja sostanzjali lill-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca fl-okkażjoni tal-Istrina.

L-okkażjoni tiġbor lil dawk kollha li jagħmlu parti mill-familja tal-football Malti - l-istaff tal-MFA, il-clubs lokali kollha u l-assoċjazzjonijiet membri, kif ukoll mistiedna oħra li jaħdmu id f'id mal Assoċjazzjoni matul is-sena.

Il-President ta' Malta, l-E.T., Marie Louise Coleiro Preca, flimkien ma' żewġha, is-Sur Edgar Preca, kienu l-mistiedna speċjali.

L-għotja - li l-parti l-kbira tagħha tinġabar minn fuq kull biljett għal-logħbiet domestiċi, tlaħħaq aktar minn €12,000 u tifforma parti minn firxa wiesà ta' inizjattivi li l-Assoċjazzjoni twettaq b'mod regolari taħt il-programm 'Football For Life'.

# Tournament tal-Milied b'risq l-Istrina









Selezzjonijiet tal-Malta FA, referees lokali, ġurnalisti sportivi u coaches lokali ħadu sehem fit-tournament annwali li jsir f'Boxing Day b'risq l-Istrina.

F'dan l-avveniment, inġabru €10 minn dawk kollha preżenti biex tingħata donazzjoni lill-Istrina. Is-somma finali miġbura kienet ta' €925.

Il-President ta' Malta, Marie Louise Coleiro Preca, għamlet żjara ta' kortesija biex tirringrazzja lil kulħadd.

It-team tal-MFA rebaħ dan it-tournament b'punti massimi wara rebħiet ta' 2-1 kontra l-coaches, 7-1 kontra r-referees u 5-3 kontra l-ġurnalisti.

Il-goals tal-MFA ġew skurjati minn Peter Pullicino (4), Simon Agius (3), Karl Sciortino (4), Matthew Paris (1), Adrian Camilleri (1) u Angelo Chetcuti (1).

Il-players li rrappreżentaw lill-MFA kienu: Charles Sciberras, Adrian Camilleri, Matthew Paris, Angelo Chetcuti, Simon Agius, Peter Pullicino, Karl Sciortino, Mark Gatt, Silvio Vella u Noel Turner ... taħt il-gwida ta' Robert Gatt.



# Issir il-preżentazzjoni tal-FIFA Badges

## lil 17-il uffiċjal fuq il-lista internazzjonali

Malta irnexxielha żżomm l-istess numru ta' 17-il uffiċjal tal-logħba fuq livell internazzjonali għal din is-sena, konferma tax-xogħol siewi li qed iwettaq id-Dipartiment tar-Refereeing fi ħdan il-Malta Football Association.

Waqt riċeviment organizzat riċentement mill-Malta Football Referees Association u d-Dipartiment tar-Refereeing tal-Malta FA, f'lukanda ewlenija f'San Ġiljan, uffiċjali f'diversi kategoriji rċevew il-FIFA badges tagħhom għall-2017.

Il-president tal-MFRA, Alexei Tabone, ta bidu għall-parti uffiċjali billi rrikonoxxa l-preżenza tar-referees, amministraturi, referee observers, uffiċjali tal-MFA, u tal-media li għoġobhom jaċċettaw l-istedina, filwaqt li rringrazzja lir-Referees Committee u d-Dipartiment tar-Referees għall-kollaborazzjoni tagħhom mal-MFRA, li flimkien jiffurmaw il-fraternità tar-referees f'Malta.

Huwa qal li l-MFRA ser tkompli taħdem għall-ġid tar-referees u awgura b'mod speċjali lill-uffiċjali internazzjonali fosthom Esther Azzopardi li, f'Jum ir-Repubblika, ingħatat il-midalja għall-Qadi tar-Repubblika għas-suċċess tagħha lokali u internazzjonali.

Id-Direttur tar-Refereeing, Kevin Azzopardi, qal li din l-okkażjoni organizzata flimkien bejn l-MFRA u d-Dipartiment li jmexxi hu, bħala team wieħed kbir, hija waħda sinifikattiva u laqa' lil dawk li rritornaw fi ħdan strateġija ġdida li issa ndrat minn kulħadd.

Filwaqt li rringrazzja lill-uffiċjali li temmew il-karriera internazzjonali tagħhom – jiġifieri William Debattista, Franco Cachia u Stefan Pace li stedinhom jikkunsidraw il-kontribut li jistgħu jibqgħu jagħtu – qal li "għandna nkunu kburin li b'ħidma iebsa, irnexxielna nżommu l-istess numru ta' 17-il uffiċjal internazzjonali għal din is-sena."

Huwa semma' li fl-2017 hemm ippjanati aktar skambji ta' referees (mal-Kosovo,



















Andorra, l-Albanija kif ukoll barra mill-Ewropa). Is-Sur Azzopardi qal ukoll li waqt laqgħa f'Malta f'Jannar, iċ-Chief Refereeing Officer tal-UEFA Pierluigi Collina għandu jindirizza l-kategoriji kollha ta' referees. Huwa aċċenna li l-ħidma trid tibqa' b'saħħitha għal aktar referees ġodda.

Id-Direttur tar-Refereeing ħa l-opportunità jiftaħ għajnejn ir-referees li għandhom ikunu lesti jibqgħu kalmi u ma jirritaljawx għal *hate blogs* fil-konfront tagħhom.

Huwa rringrazzja lill-uffiċjali u lill-observers għall-impenn tagħhom, lill-president tal-MFA, lir-Referees Committee u ċ-chairman tiegħu, lis-segretarju ġenerali ġdid, Angelo Chetcuti u l-viċi-president ġdid, Matthew Paris, lill-MFRA u l-president tagħha, l-assistenti tiegħu u lill-assistant Refereeing Services & Secretary Referees' Committee, Helga Chircop, u lill-media.

Il-viċi-president tal-MFA u chairman tar-Referees' Committee, Alex Manfrè, awguralhom meta ppreżenta l-FIFA badges għall-2017 lir-referees - Trustin Farrugia Cann, Clayton Pisani, Alan Mario Sant, Fyodor Zammit u Esther Azzopardi; lill-assistenti referees Alan Camilleri, Christopher Francalanza *(ġdid)*, Luke Portelli, Mitchell Scerri, Edward Spiteri, Jurgen Spiteri, Duncan Sultana, u Roberto Vella; Clinton Cassar u Matthew Vella *(ġdid)* bħala referees tal-Futsal; Jonathan Mallia *(ġdid)* u Jude Amin Utulu bħala referees tal-Beach Soccer.

Is-Segretarju Ġenerali ġdid tal-MFA, Angelo Chetcuti, qal li f'din l-okkażjoni seta' jħoss is-sens ta' għaqda bejn dawk preżenti li sservi ta' ġid tal-logħba li qegħdin fiha; inkoraġġixxa lir-referees li għadhom telgħin is-sellum tal-karriera tagħhom biex iħarsu lejn il-kollegi internazzjonali tagħhom u lejn dawk li jistgħu jgħinuhom.

Finalment huwa qal li l-unur nazzjonali personali ta' Esther Azzopardi juri li referee jista' jkun *role model* fis-soċjetà.

# CoreMalta

## seminar organizzat fiċ-Ċentru tar-Refereeing






Fix-xahar ta' Diċembru, 2016, iċ-Ċentru tar-Refereeing organizza seminar ta' jum għall-parteċipanti fil-programm COREMALTA.

Meta indirizza lill-parteċipanti fl-introduzzjoni tiegħu, id-Direttur tar-Refereeing Kevin Azzopardi enfasizza li huma kienu magħżula biex itejbu l-iżvilupp tagħhom b'success fil-kategorija Elite.

L-idea li ġie mniedi l-programm COREMALTA ittieħdet mill-mudell pożittiv tal-UEFA Centre of Refereeing Excellence (CORE) li diġà ġie attwat ukoll minn pajjiżi oħra.

L-ewwel preżentazzjoni 'Reaching your goals' saret mill-FIFA Referee Clayton Pisani, li qasam l-esperjenzi personali mill-ewwel passi tiegħu fil-karriera sal-lum, kif ukoll esprima xi ħsibijiet. Tkellem dwar il-preparazzjoni tal-logħba, attitudni, u l-ħtieġa li wieħed iħares lejn iċ-ċirkostanzi b'moħħ miftuħ. Għal din is-sessjoni attendew ukoll l-istudenti tar-Refereeing Academy li ħolqu sinerġija pożittiva bejn iż-żewġ gruppi ta' parteċipanti.

It-tieni preżentazzjoni saret mill-Assistent Direttur tar-Refereeing Andrè Arciola, li żewwaqha b'diversi *video clips* dwar sitwazzjoni differenti fil-logħbiet. Wara li l-parteċipanti raw il-clip assenjata lilhom, ġew imqassma fi gruppi biex wara rrapportaw il-kummenti tagħhom dwarha.

Il-kelliema mistiedna Samantha Tabone (Sport Psychologist) animat il-preżentazzjoni tagħha dwar preparazzjoni mentali għal-logħba u rutina mentali li tista' tgħin lill-uffiċjali jiffokaw, speċjalment għal-logħba li jkollhom. Is-sessjoni nkludiet numru ta' eżerċizzji prattiċi li ttestjaw il-livell ta' konċentrazzjoni tal-parteċipanti.

Ir-raba' sessjoni dwar sitwazzjonijiet li l-uffiċjali lokali kellhom fil-kampjonati domestiċi tmexxiet mill-Assistent Direttur tar-Refereeing Philip Agius, li għal aktar uniformità bejniethom, saħaq l-importanza tal-koperazzjoni bejn ir-referee u l-assistenti tiegħu, it-teknika korretta fit-tixjir tal-bandiera mill-assistenti referees, u l-aħjar użu tal-apparat tal-komunikazzjoni.

Il-kap ta' COREMALTA, Stephen Mallia, għalaq is-seminar billi enfasizza li l-għan ewlieni tal-programm huwa li jinħoloq ambjent b'saħħtu li fih il-parteċipanti jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom kemm jista' jkun, għalkemm f'kompetizzjoni iżda f'atmosfera ta' ħbiberija.

Filwaqt li awgura kull suċċess lill-parteċipanti, is-Sur Mallia nnota b'sodisfazzjon l-entużjażmu u l-ispirtu tagħhom f'attitudni pożittiva f'dan is-seminar.




## *Clayton Pisani* appuntat għal partita mill-UEFA Europa League

Il-Ħamis, it-8 ta' Diċembru 2016, ir-*referee* internazzjonali Clayton Pisani kien appuntat mill-UEFA biex jikkontrolla l-logħba mis-sitt ġurnata ta' Grupp B tal-UEL 2016/2017 BSC Young Boys (Svizzera) vs FC Astana (Kazakhstan) fi Stade de Suisse, Bern, li spiċċat b'rebħa ta' 3-0 għat-team Svizzeru.

It-team tiegħu nkluda lill-FIFA *assistant referees*, Alan Camilleri u Edward Spiteri, lill-FIFA referees Fyodor Zammit u Trustin Farrugia Cann bħala additional assistant referees (AARs), u lill-FIFA assistant referee William Debattista bħala r-Raba' Uffiċjal.

Il-UEFA appuntat lil Renatus Temmink mill-Olanda li evalwa l-prestazzjoni tal-uffiċjali, filwaqt li Per Svard mill-Isvezja kien id-Delegat tal-logħba.




## Tislima lil tliet persuni li mietu matul dawn l-aħħar ġimgħat



27 ta' Diċembru, 2016
**LINO ARRIGO AZZOPARDI** miet fl-età ta' 77 sena.

Huwa kien fotografu u kontributur tar-ritratti tal-football Malti u tat-team nazzjonali.

L-MFA tibqa' tiftakar lis-Sur Arrigo Azzopardi bħala persuna professjonali u li kien ilu akkreditat bħala fotografu mal-Assoċjazzjoni għal snin twal.

Is-Sur Arrigo Azzopardi kien persuna ta' ftit kliem li dejjem għen lil kulħadd bir-ritratti tiegħu, inkluż lill-Assoċjazzjoni.



5 ta' Jannar, 2017
**ALFRED ZAHRA** miet fl-età ta' 74 sena.

L-assistent segretarju ta' Pietà Hotspurs FC kien bniedem maħbub minn kulħadd u ddedika ħafna minn ħajtu jgħin lill-club tal-Hotspurs, b'mod speċjali lin-nursery tal-istess club. Barra minn hekk, huwa kien persuna kariżmatika li ħadem ħafna għall-ġid tal-football Malti.



10 ta' Jannar, 2017
**LINO BUGEJA** miet fl-età ta' 86 sena.

Fil-karriera tiegħu huwa lagħab ma' Vittoriosa Stars fejn kien ukoll coach nazzjonali ta' Taħt is-16 u t-18-il sena minbarra li kien jifforma parti mill-istaff tekniku ta' Hibernians fis-snin 70.

Lino ħadem ħafna biex jitkattar il-ġid fil-football Malti fi żmien meta kien ko-fundatur taċ-Ċentru Sportiv Edukattiv u kien anke ex-membru ta' diversi bordijiet u kumitati tal-MFA, inkluż il-bord tekniku.

Fl-1951, Lino rrappreżenta lil Malta fil-Logħob tal-Mediterran li saru f'Lixandra.



# Taqtiegħa bejn erba' timijiet?

**Andrew Hogg (Hibernians) megħlub mill-player ta' Floriana Nicolas Chiesa (mhux fir-ritratt)**

Wara li ntlagħbet it-18-il ġurnata tal-Kampjonat BOV Premier, jidher li t-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu se tkun bejn erba' timijiet - Balzan, Hibernians, Floriana u Valletta ... b'Birkirkara jkunu outsiders.

Proprju f'dan il-programm, intlagħbu żewġ konfronti diretti bejn Balzan u Birkirkara (1-1) u Hibernians u Floriana (2-2) biex minn dawn ir-riżultati ggwadanjaw Valletta li għelbu lil Gzira United (1-0).

Iżda kif kien il-progress ta' kull team f'dawn l-aħħar erba' logħbiet?

B'mod mill-aktar sorpriż kienu Tarxien Rainbows, taħt it-tmexxija tal-coach il-ġdid Jesmond Zerafa, li kisbu l-akbar ammont ta' punti ....

It-timijiet qegħdin skond il-pożizzjoini tagħhom fil-klassifika:

Balzan kisbu żewġ rebħiet u żewġ draws - Valletta (2-2), Hibernians (2-1), Gzira U. (2-1) u Birkirkara (1-1) ... għal total ta' 8 punti minn massimu ta' 12.

Hibernians kisbu rebħa, żewġ draws u telfa - Pembroke A. (1-1), Balzan (1-2), Valletta (1-0) u Floriana (2-2) għal total ta' 5 punti.

Floriana rreġistraw rebħa u tliet draws - Tarxien R. (1-1), Valletta (0-0), Hamrun S. (5-1) u Hibernians (2-2) għal total ta' 6 punti.

Valletta rebħu partita waħda, żewġ draws u sofrew telfa - Balzan (2-2), Floriana (0-0), Hibernians (0-1) u Gzira U. (1-0) għal total ta' 5 punti.

Ir-rekord ta' Birkirkara kien dak ta' żewġ rebħiet, draw u telfa - Sliema W. (1-2), Mosta (2-0), Pembroke A. (2-0) u Balzan (1-1) għal total ta' 7 punti.

Sliema Wanderers kisbu rebħa, draw u sofrew żewġ telfiet - Birkirkara (2-1), St



Justin Haber (Floriana) jilqa' f'attakk ta' Hibernians



Mislav Andelkovic (Birkirkara) fl azzjoni kontra Pembroke A.



Toma Radzinevicius (Valletta) segwit minn Jackson Lima u Joseph Mbong (Hibernians)

ritratti **Christine Borg u Dominic Borg**



Darren Falzon (Pembroke A.) jiddefendi l-ballun minn Michael Johnson (St Andrew's)



Sergio Prendes (Tarxien R.) jipprova jilħaq lil Pedro dos Santos Calcado (Mosta)

Andrew's (1-1), Tarxien R. (0-1) u Hamrun S. (1-2) għal total ta' 4 punti.

Tarxien Rainbows irreġistraw tliet rebħiet u draw - Floriana (1-1), Hamrun S. (3-2), Sliema W. (1-0) u Mosta (2-0) ... għal total ta' 10 punti.

Hamrun Spartans kisbu rebħa u sofrew tliet telfiet - St Andrew's (1-3), Tarxien R. (2-3), Floriana (1-5) u Sliema W. (2-1) .. b'total ta' 3 punti.

St Andrew's irreġistraw rebħa u tliet draws - Hamrun S. (3-1), Sliema W. (1-1), Mosta (1-1) u Pembroke A. (2-2) ... b'total ta' 6 punti.

Gzira United kisbu rebħa, draw u żewġ telfiet - Mosta (3-0), Pembroke A. (0-0), Balzan (1-2) u Valletta (0-1) ... b'total ta' 4 punti.

Pembroke Athleta rreġistraw tliet draws u telfa - Hibernians (1-1), Gzira U. (0-0), Birkirkara (0-2) u St Andrew's (2-2) għal total ta' 2 punti.

Mosta kisbu draw u tliet telfiet - Gzira U. (0-3), Birkirkara (0-2), St Andrew's (1-1) u Tarxien R. (0-2) għal total ta' punt wieħed biss.



Mark Scerri (Sliema W.) jaħrab il-kustodja ta' Jake Grech (Hamrun S.)

## II Round

**Logħba Nru 85 - 10.12.2016 - 14.00 hrs**

**Floriana** 1
M. Fontanella 5

**Tarxien Rainbows** 1
T. Caruana 66

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Floriana** – 16-Justin Haber, 5-Enrico Pepe (94-Ryan Camenzuli 26), 6-Enzo Ruiz, 7-Steve Pisani, 8-Clyde Borg, 11-Maurizio Vella, 17-Jurgen Pisani, 22-Alex Cini, 77-Amadou Samb, 80-Nicolas Chiesa (18-Gustavo Amadio 80), 89-Mario Fontanella
**Coach** – Giovanni Tedesco
**Tarxien R.** – 1-Andrea Cassar, 2-Ebiabowei Baker, 5-Emerson Marcelina, 6-Julian Galea (21-Kurt Zammit, 60'), 7-Triston Caruana (Andrew Agius 70), 8-Daniel Ponce (11-Dylan Micallef 90), 9-Alex Nilsson, 16-Sergio Fernandez Prendes, 18-Alex de Paixao Alves, 19-Matthew Tabone, 23-Sacha Borg
**Coach** – Jesmond Zerafa
**Referee** – Matthew Degabriele
**Assistenti** – Alan Camilleri, Sammy Attard
**Raba' Uff.** – Clayton Pisani
**Ammoniti** – A. Samb, S. Pisani, Jurgen Pisani, Clyde Borg (F); S. F. Prendes, Kurt Zammit (TR)

## II Round

**Logħba Nru 86 - 10.12.2016 - 14.00 hrs**

**Gzira United** 3
R. Ledesma 9, J. C. Corbolan 20, S. Diamoutene 39

**Mosta** 0

HT 3-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Gzira U.** – 91-Mauro Boerchio, 23-Jacob Borg, 5-Gianmarco Conti, 8-Zachary Scerri, 10-Rafael Pompeo Rodrigues Ledesma (92-Yanis Tonna 69), 13-Clifford Gatt Baldacchino, 19-Jallow Momodou Salieu (9-John Nwoba 81), 4-Jonathan Bondin, 11-Juan Carlos Corbolan, 25-Souleymane Diamoutene, 20-Correa Duarte Ricardo Calixto (16-Karl Pulo 86)
**Coach** – Darren Abdilla
**Mosta** – 26-Manuel Bartolo, 4-Tristan Grant, 11-Kurt Magro (21-Neil Frendo 59), 27-Jaroslav Repa, 14-Dexter Xuereb, 8-Kyle Frendo, 33-Martin Vlcek, 10-Njongo Priso, 22-Raylon-Kaylou Paisley (13-Gabriel Bezak 46), 18-David Ifeanyi Nworah (19-Emerson Vella 32), 77-Zachary Brincat
**Coach** – JoJo Bajada
**Referee** – Sandro Spiteri
**Assistenti** – William Debattista, Duncan Sultana
**Raba' Uff.** – Mario Apap
**Ammoniti** – R. Ledesma, Z. Scerri, C. D. R. Calixto (GU); R. K. Paisley, N. Priso, K. Frendo, D. Xuereb (M)
**Tkeccea** – N. Priso 88 (M)

## II Round

**Logħba Nru 87 - 10.12.2016 - 16.00 hrs**

**Hibernians** 1
J. Degabriele 54 pen

**Pembroke Athleta** 1
P. Barbetti 71 pen

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 9-Marcelo Dias, 8-Rodolfo Soares, 2-Timothy Tabone Desira, 7-Jackson Lima, 11-Bjorn Kristensen, 19-Johann Bezzina, 22-Joseph Mbong, 21-Renan Pimenta Telles (14-Juan Varea 81), 31-Jurgen Degabriele, 20-Andrei Agius
**Coach** – Mark Miller
**Pembroke A.** – 27-Matthew Calleja Cremona, 10-Paltemio Barbetti, 4-Zoran Levnaic, 6-Miguel Attard, 14-Udochokwu Akuto, 11-Siraj Arab, 19-Haruna Shola Shodiya, 21-Andreas Scozzese, 18-Oleksandar Maksymov, 20-Adrian Borg, 28-Borghe Maneski
**Coach** – Artim Shaqiri
**Referee** – Eman Grech
**Assistenti** – David Castillo, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Trustin Farrugia Cann
**Ammoniti** – A. Scozzese, Z. Levnaic (PA); R. Pimenta Telles (H)

## II Round

**Logħba Nru 88 - 10.12.2016 - 16.00 hrs**

**St Andrew's** 3
M. Johnson 19, K. Kesinovic 80, I. Paz 83

**Hamrun Spartans** 1
J. Grech 8

HT 1-1 **Victor Tedesco Stadium**

**St Andrew's** – 12-Jake Galea, 5-Che Bong Won, 15-Michael Johnson, 16-Karlo Kesinovic, 2-Enmy Manuel Pena Beltre, 4-Dale Camilleri, 11-Joseph Farrugia, 3-Ante Bakmaz, 25-Godwin McKay (9-Ziga Kastrevec 76), 10-Ivan Paz (8-Ryan Darmanin 90), 14-Kyrian Nwoko (6-Nenad Belacevic 88)
**Coach** – Danilo Doncic
**Hamrun S.** – 1-Matthew Farrugia (22-FredErick Tabone 39), 5-Luis Miguel Vergara Rodrigues, 2-Philip Chircop, 15-Luke Sciberras, 27-Jorge Mesqueu Neto, 95-Massimiliano Giusti, 6-Luke Grech, 8-Leandro Wallace Motta Dos Santos (99-Saturday Nanapere 71), 10-Jake Grech, 33-Sergio Raphael Dos Anjos, 17-Patrick Jean Teixiera Maia
**Coach** – Jonathan Holland
**Referee** – Glen Tonna
**Assistenti** – Edward Spiteri, Mitchell Scerri
**Raba' Uff.** – Etienne Mangion
**Ammoniti** – G. McKay, D. Camilleri, K. Nwoko (SA), L. M. Vergara Rodrigues (2), J. Mesqueu Neto, L. W. Motta Dos Santos, P. J. Teixeira Maia (H)
**Tkeccew** – R. Dos Anjos 85, L. M. Vergara Rodrigues 89 (HS)

## II Round

**Logħba Nru 89 - 11.12.2016 - 14.00 hrs**

**Birkirkara** 1
C. Bubalovic 82

**Sliema Wanderers** 2
J. P. Farrugia 35, 42

HT 0-2 **National Stadium**

**Birkirkara** – 1-Miroslav Kopric, 3-Christian Bubalovic, 6-Matthew Guillaumier, 7-Mislav Andelkovic, 13-Matteo Desira Buttigieg (18-Shaun Bajada 46), 14-Vito Plut, 17-Frank Temile, 19-Joseph Zerafa, 22- Cain Attard, 23-Predrag Jovic, 39-James Brincat (21-Ryan Scicluna 46)
**Coach** – Nikola Jaros
**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 17-Peter Xuereb, 2-Alex Muscat, 5-Roger De Souza Villas Boas, 33-Stefano Biancardi, 14-Gabriel Aquilina (18-Armando Dos Santos Mandinho 71), 4-Mathias Muchardi (16-Michele Sansone 80), 23-Gary Muir, 21- Ryan Spiteri, 30-Jean Paul Farrugia, 3- Denni Rocha Dos Santos (11-Salomon Wisdom 89)
**Coach** – John Buttigieg
**Referee** – Mario Apap
**Assistenti** – Duncan Sultana, Chris Francalanza
**Raba' Uff.** – Sandro Spiteri
**Ammonit** – S. Bianciardi (SW)

## II Round

**Logħba Nru 90 - 11.12.2016 - 16.00 hrs**

**Valletta** 2
F. Falcone 47, Jhonnattann 75

**Balzan** 2
B. Kaljevic 60, M. Piciollo 67

HT 0-0 **National Stadium**

**Valletta** – 29-Dzjugas Bartkus, 2-Jonathan Caruana, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 8-Santiago Malano (90-Romeu Pericles Romao 73), 9-Michael Mifsud, 20-Federico Matias Falcone (11-Luke Montebello 85), 21-Llywelyn Cremona, 23-Claudio Pani, 25-Leandro Aguirre, 27-Jhonnattann Be-nites Da Conceicao
**Coach** – Paul Zammit
**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 50-Bruno Giglio De Oliveira, 5-Samir Arab, 86-Bojan Kal-jevic, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 6-Ryan Fenech, 18-Anderson De Barros (17-Alfred Effiong 59), 7-Lydon Micallef (30-Abdelkarim Nafti 59), 11-Steve Bezzina (16-Clive Brincat 78), 8-Paul Fenech, 9-Matteo Piciollo
**Coach** – Oliver Spiteri
**Referee** – Esther Azzopardi
**Assistenti** – Jurgen Spiteri, Luke Portelli
**Raba' Uff.** – Glen Tonna
**Ammoniti** – S. Arab (B)

## II Round

**Logħba Nru 91 - 17.12.2016 - 14.00 hrs**

**Balzan** 2
M. Piciollo 5, J. Lima 88 o.g.

**Hibernians** 1
J. Pereira Da Silva 7

HT 1-1 **National Stadium**

**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 50-Bruno Giglio De Oliveira, 10-Dylan Grima, 86-Bojan Kaljevic, 23-Elkin Serrano Valero, 6-Ryan Fenech (18-Anderson De Barros 82), 17-Alfred Effiong, 30-Abdelkarim Nafti (20-Terence Agius 89), 16-Clive Brincat, 8-Paul Fenech, 9-Matteo Piciollo (88-Sean Cipriott 90)
**Coach** – Oliver Spiteri
**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias, 2-Timothy Tabone Desira (30-Michael Shaddock 90), 7-Jackson Lima, 22-Joseph Essien Mbong, 19-Johann Bezzina, 23-Jorge Da Silva Pereira, 31-Jurgen Degabriele (10-Andrew Cohen 62), 11-Bjorn Kristensen, 20-Andrei Agius
**Coach** – Mark Miller
**Referee** – Glen Tonna
**Assistenti** – Alan Camilleri, William Debattista
**Raba' Uff.** – Philip Farrugia
**Ammoniti** – A. Effiong, R. Fenech (B), J. Bezzina (H)
**Tkecca** – A. Effiong 65 (B)

## II Round

**Logħba Nru 92 - 17.12.2016 - 16.00 hrs**

**Valletta** 0

**Floriana** 0

**National Stadium**

**Valletta** – 29-Dzjugas Bartkus, 2-Jonathan Caruana, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 9-Michael Mifsud, 18-Valdo Goncalves Alhinho, 20-Luke Montebello (24-Umeh Uchenna Calistus 69), 21-Llywelyn Cremona (16-Jean Borg 76), 23-Claudio Pani, 25-Leandro Aguirre, 27-Jhonnattann Benites Da Conceicao (90-Romeu Pericles Romao 84)
**Coach** – Paul Zammit
**Floriana** – 16-Justin Haber, 6-Enzo Ruiz, 7-Steve Pisani, 8-Clyde Borg (4-Antonio Monticelli 71), 9-Ignacio Varela, 11-Maurizio Vella, 17-Jurgen Pisani, 22-Alex Cini, 80-Nicolas Chiesa, 89-Mario Fontanella, 94-Ryan Camenzuli
**Coach** – Giovanni Tedesco
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Duncan Sultana, Paul Apap
**Raba' Uff.** –Matthew Degabriele
**Ammoniti** – : S. Pisani, R. Camenzuli (F), C. Pani (V)

## II Round

**Logħba Nru 93 - 18.12.2016 - 14.00 hrs**

**Sliema Wanderers** 1
D. Rocha Dos Santos 41

**St Andrew's** 1
M. Johsnon 10

HT 1-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Sliema W.** – 25-Giuseppe Sarao, 2-Alex Muscat, 23-Garry Muir, 33 Stefano Bianchiardi, 5-Roger De Souza Villas Boas, 11-Wisdom Salomon, 3-Denni Dos Santos, 7-John Mintoff (30 -Jean Paul Farrugia 80), 8-Mark Scerri, 16-Michele Sansone (18 -Armando Dos Santos Mandinho 82), 17-Peter Xuereb
**Coach** – John Buttigieg
**St Andrew's** – 22 Jake Galea, 2 Enmy Pena Beltre, 4-Dale Camilleri (25 -Godwin McKay 88), 5-Bong Won Che, 3-Ante Bakmaz, 7-Ziga Kastrevec (21 -Nenad Belacevic 75), 16-Karlo Kesinovic, 15-Michael Johnson, 11-Joseph Farrugia, 10-Ivan Paz, 14-Kyrian Nwoko (18 -Ryan Darmanin 88)
**Coach** – Danilo Doncic
**Referee** – Fyodor Zammit
**Assistenti** – Luke Portelli, David Castillo
**Raba' Uff.** – Malcolm Spiteri
**Ammoniti** – D. Rocha Dos Santos, P. Xuereb, S. Bianciardi (SW), A. Bakmaz, E. M. Pena Beltre, G. McKay (SA)
**Tkeccew** – P. Xuereb 43, A. Muscat 87 (SW), A. Bakmaz 74 (SA)

## II Round

**Logħba Nru 94 - 18.12.2016 - 16.00 hrs**

**Hamrun Spartans** 2
M. Giusti 58, 63

**Tarxien Rainbows** 3
J. Galea 11, M. Tabone 75, P. Chircop 90 o.g.

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Hamrun S.** – 22-Fredrick Tabone, 23-Mark Borg (23-Glenn Azzopardi 35), 2-Philip Chircop, 15-Luke Sciberras, 13-Christian Maldini, 95-Massimiliano Giusti (7-Rodney Refalo 90), 6-Luke Grech, 8-Leandro Wallace Motta Dos Santos, 10-Jake Grech, 99-Saturday Nanapere (16-Trevor Cilia 79), 17-Patrick Jean Teixeira Maia
**Coach** – Stefan Sultana
**Tarxien R.** – 1-Andrea Cassar, 2-Ebiabowei Baker, 5-Emerson Marcelina, 6-Julian Galea (14-Andrew Agius 64), 7-Triston Caruana (11-Dylan Micallef 74), 8-Daniel Ponce De Leon Garcia, 9-Alex Nilsson, 18-Alex Da Paixao Alves, 19-Matthew Tabone, 21-Kurt Zammit, 23-Sacha Borg
**Coach** – Jesmond Zerafa
**Referee** – Esther Azzopardi
**Assistenti** – Sammy Attard, Peter Abela
**Raba' Uff.** – Glen Tonna
**Ammoniti** – P. Chircop, M. Giusti, T. Cilia (HS), M. Tabone (TR)

## II Round

**Logħba Nru 95 - 18.12.2016 - 18.00 hrs**

**Pembroke Athleta** 0

**Gzira United** 0

**Victor Tedesco Stadium**

**Pembroke A.** – 27-Matthew Calleja Cremona, 3-Asani Djeljilj, 10-Paltemio Barbetti, 4-Zoran Levnaic (15-Tyron Fenech 78), 6-Miguel Attard, 11-Siraj Arab Eddin (23-James Mifsud 83), 19-Shola Shodiya Haruna, 21-Andrea Scozzese, 28-Borche Manevski, 20-Adrian Borg, 14-Ugochukwo Akuto
**Coach** – Artim Shaqiri
**Gzira U.** – 91-Mauro Boerchio, 13-Cifford Gatt Baldacchino, 5-Gianmarco Conti, 8-Zachary Scerri (9 -John Nwoba 75), 20-Correa Duarte Ricardo Calixto, 44-Antonio De Queiroz Machedo Neto (92-Yanis Tonna 90), 4-Jonathan Bondin, 19-Jallow Momodou Salieu, 11-Juan Carlos Corbolan, 14-Moises Avila Perez, 10-Rafael Pompeo Rodrigues Ledesma
**Coach** – Darren Abdilla
**Referee** – Matthew Degabriele
**Assistenti** – Duncan Sultana, William Debattista
**Raba' Uff.** – Clayton Pisani
**Ammoniti** – C. D. Ricardo Calixto, A. De Queiroz Machedo Neto, M. Avila Perez (G), A. Djeljilj, A. Scozzese, M. Attard, Z. Levnaic (P)
**Tkecca** – U. Akuto 85 (PA)

## II Round

**Logħba Nru 96 - 04.01.2017 - 19.30 hrs**

**Mosta** 0

**Birkirkara** 2
V. Plut 25, P. Jovic 65

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Mosta** – 1-Yenz Cini, 23-Francis Chinatu Onwudinjo (2-Kyle Gatt 80), 18-Kemmu Dragan Jackson, 11-Kurt Magro, 20-Victor Lucky Oseghale, 8-Kyle Frendo (21-Neil Frendo 46), 4-Kevan St Michael Atkinson, 77-Zachary Brincat (3-Luca Martinelli 70), 13-Gabriel Bezal, 5-Dany Djoufak, 9-Kenar David Reid
**Coach** – Zsolt Hornyak
**Birkirkara** – 12-Ini Etim Akpan, 4-Gareth Sciberras, 7-Mislav Andelkovic, 10-Srdjan Dimitrov (21-Ryan Scicluna 84), 11-Gonzalo Daniel Malan (18-Shaun Bajada 84), 14-Vito Plut (13-Matteo Desira Buttigieg 90), 15-Nikola Vukanac, 17-Frank Temile, 19-Joseph Zerafa, 22-Cain Attard, 23-Predrag Jovic
**Coach** – Nicola Jaros
**Referee** – Fyodor Zammit
**Assistenti** – Paul Apap, Peter Abela
**Raba' Uff.** – Stefan Pace
**Ammoniti** – K. St Michael Atkinson, Z. Brincat (M), J. Zerafa (B)

# KAMPJONAT PREMIER



Azzjoni bejn Matteo Piciollo (Balzan) u Joseph Zerafa (Birkirkara)



Taqtiegħa bejn Roger de Souza Boas (Sliema W.) u Alex Nilsson (Tarxien R.)



Steve Borg (Valletta) issikkat minn Gianmarco Conti (Gzira U.)



Jurgen Pisani (Floriana) jipprova jostakola lil Saturday Nanapere (Hamrun S.)

## II Round

**Logħba Nru 97 - 07.01.2017 - 14.00 hrs**

**St Andrew's** 1
Z. Kastrevec 1
**Mosta** 1
V. L. Oseghale 29

HT 1-1 **Victor Tedesco Stadium**

**St Andrew's** – 22-Jake Galea, 4-Dale Camilleri, 5-Che Bong Won, 19-Daniel Brandle (17-Jacob Walker 46), 16-Karlo Kesinovic, 15-Michael Johnson, 13-Felix Udoh, 10-Ivan Paz, 11-Joseph Farrugia, 9-Ziga Kastrevec (6-Nenad Belacevic 83), 14-Kyrian Nwoko (3-Godwin McKay 68)
**Coach** – Danilo Doncic
**Mosta** – 1-Yenz Cini, 11-Kurt Magro, 21-Neil Frendo, 27-Jaroslav Repa (7-Jurgen Grech 90), 13-Gabriel Bezak, 5-Dany Djoufack, 23-Francis Chinatu Onwudinjo, 20-Victor Lucky Oseghale (77-Zachary Brincat 75), 3-Luca Martinelli (15-Adrian Caruana 37), 18-Jackson Kemmu Degrau, 9-Kemar David Reid
**Coach** – Zsolt Hornyak
**Referee** – Stefan Pace
**Assistenti** – Jurgen Spiteri, Sammy Attard
**Raba' Uff.** – Alan Mario Sant
**Ammoniti** – D. Brandle, F. Udoh, Che Bong Won (SA), F. Chinatu Onwudinjo, N. Frendo, J. Repa, D. Djoufack, Y. Cini (M)

## II Round

**Logħba Nru 98 - 07.01.2017 - 16.00 hrs**

**Floriana** 5
A. Samb 5, M. Fontanella 54, N. Chiesa 57 pen, E. Ruiz 65, 88
**Hamrun Spartans** 1
P. J. Teixeira Maia 60

HT 1-0 **Victor Tedesco Stadium**

Minn dan l-istaġun, dawk it-timijiet li ma jkollhomx players biżżejjed skond kif jitolbu r-regolamenti, ser tingħata l-opportunitá biex dawn jingħaqdu ma' timijiet oħra biex jiġi żgurat li kemm jista' jkun jipparteċipaw tfal fosthom dawk in-nurseries li m'għandhomx numri ta' players. Għat-tieni staġun dawn l-events qed jiġu ssaportjati min McDonald's permezz tal-prodott tagħhom 'Healthy Eating Salads'. Is-sehem tal-ġenituri f'dawn l-events, qed jingħata mportanza biex b'hekk l-Assoċjazzjoni tilħaq ukoll l-aspettattiva edukattiva lejn il-ġenituri fil-grounds u n-nurseries. Fil-ġranet li ġejjin ser jinħarġu l-gruppi ta' parteċipazzjoni filwaqt li l-events ser jiġu ospitati f'dawn id-dati u l-grounds li jidhru fit-tabella.

| | Data | Ground |
|---|---|---|
| Event 1 | 12.02.2017 | Zurrieq |
| Event 2 | 26.03.2017 | Mgarr |
| Event 3 | 09.04.2017 | Zebbug |
| Event 4 | 23.04.2017 | Dingli |
| Event 5 | 01.05.2017 | Hamrun |

# Jiltaqa' l-grupp li sejjer Kilmarnock (Skozja) fi programm Erasmus, proġett bejn il-Youth FA u l-Akkademja ta' Kilmarnock F.C.

Nhar il-Gimgħa, 13 ta' Jannar 2017, iltaqa' għall-ewwel darba l-grupp li sejjer Kilmarnock, bejn is-26 ta' Marzu u 2 ta' April 2017. L-għan ta' dan il-programm ser ikun biex ir-rappreżentanti jkunu jistgħu' jaqsmu l-esperjenza lokali mal-komunitá sportiva ta' Kilmarnock, u flimkien jaraw x'jistgħu jwettqu lura f'pajjiżna fin-nurseries reispettivi tagħhom.

F'din l-ewwel laqgħa il-kordinatriċi tal-programm f'isem il-Youth FA, Stephanie Rocco, elenkat il-programm proviżorju ta' matul dik il-gimgħa, li apparti li ser ikun iffukat f'diskussjonijiet u skambju ta' ideat, ser ikollu wkoll l-aspettattiva ta' esperjenzi fid-diversi setturi tal-Akkademja ta' Kilmarnock.

Id-direttur tal-Youth Development tal-club, li huwa wkoll il-kordinatur min-naħa ta' Kilmarnock f'dan il-programm, Brian Sproul, meta kien hawn Malta qal li, kien qed iħares 'il quddiem li jilqa' lill-grupp Malti, għaliex hemm affarijiet komuni li dawn jistgħu jwasslu għal aktar koperazzjoni bejn iż-żewġ naħat, filwaqt li jemmen li ż-żewġ partijiet għandom x'jitgħallmu minn xulxin. F'waħda mill-ġranet il-grupp ser jospita lejla Kulturali Maltija, biex permezz tal-iSport iwassal għarfien aktar ta' pajjiżna bħala destinazzjoni, biex tilqa' gruppi sportivi f'pajjiżna, kif ukoll aspetti oħra li toffri Malta.

Grazzi għall-MTA, li bis-support tagħhom din is-serata setgħet minn ħolma timmatura u ssir realtá u fejn wieħed jispera li tħalli wkoll il-frott mixtieq. Il-laqgħat ta' integrazzjoni u tfassil finali ta' dan il-programm ikomplu fil-ġimgħat li ġejjin.



## Tislima lil Alfred Zahra (Pietá H. Nursery)

Il-football Malti tilef pilastru ieħor. Alfred Zahra għal divesi snin u sal-ġurnata li ħalliena (05.01.2017) Segretarju ta' Pieta Nursery, persuna retta fid-doveri tiegħu u fuq kollox serju. It-tbissima tiegħu ma' kulħadd kienet karatteristika tal-karattru tiegħu. Bniedem kif kien deskritt minn ħafna 'maħbub' speċjalment, ma' diversi players li telgħu min-nursery ta' Pietá f'dawn l-aħħar 25 sena, fejn huma kienu jsejħulu 'iz-ziju Fred'. Dejjem wera mħabba mhux biss lejn il-club tiegħu tal-Pietá, iżda lejn kull player avversarju u amministatur li kien ikollu kuntatt miegħu.

GRAZZI FRED. Flimkien magħna dejjem ħdimt mingħajr ebda stennija ta' rikonoxximent lura, iżda dan dejjem għamiltu għax kont tħobb lill-club tiegħek u l-football Malti, speċjalment dak tal-Youths. Il-vojt tiegħek żgur ser jibqa' jinħass mhux biss ġewwa n-nursery tal-Pietá, iżda fuq kollox fil-grounds, laqgħat u attivitajiet oħra tal-Youth FA li int dejjem kont tattendi u tinteressa ruħek f'dak kollu li jkun qed jiġri. J'Alla l-eżempji sbieħ tiegħek ikunu ta' xprun f'amministraturi oħra fin-nursereis tagħna.

Minn Oliver Attard

# Il-kampjonat tal-Hill Climb jinsab f'nofsu

Il-kampjonat tal-Hill Climb organizzat f'pajjiżna mill-Island Car Club wasal f'nofs ir-rounds tiegħu. Dan il-kampjonat huwa bbażat fuq tmien tiġrijiet fis-sena 2016 u erbgħa oħra fis-sena 2017.

Proprju l-ewwel rounds saru fl-Imtaħleb, limiti tar-Rabat, fix-Xagħra, f'Għawdex, fil-Ġnejna limiti tal-Imġarr, Malta, u fil-Miżieb limiti, tal-Mellieħa.

Għalkemm il-kampjonat għadu xi ftit miftuħ, il-klassifika tal-ogħla postijiet hija:

| | | |
|---|---|---|
| 01. | Mark Micallef | 31 punt |
| 02. | Zach Zammit | 25 punt |
| 03. | Keith Camilleri | 20 punt |
| 04. | Fabio Baldacchino | 8 punti |
| 05. | Kurt Camilleri | 6 punti |
| 06. | Darren Camilleri | 5 punti |
| 07. | Matthew Zammit | 5 punti |

Ir-raba' rounds li jmiss ser isiru - fit-12 ta' Frar, li ġej, f'Ta' Pennellu fil-Mellieħa; fil-5 ta' Marzu, fil-Ġnejna; fil-31 ta' Marzu hu parti minn avveniment ikbar ġewwa Ħal Far biex l-aħħar tellieqa tal-kampjonat issir fl-Imtaħleb, fl-14 ta' Mejju.


Kurt Camilleri


Matthew Zammit


Darren Camilleri


Keith Camilleri


Fabio Baldacchino


Zach Zammit


Mark Camilleri

Ritratti minn Alex Buttigieg u Justin Mifsud

# Alex Frendo jirbaħ id-Drag Racing Slot Car

Il-club Drag Racing Slot Car - Malta, li jinsab fil-qasam industrijali ta' Ħal Far tella' waħda mill-attivitajiet tiegħu nhar l-Erbgħa, 21 ta' Diċembru.

Disa' sewwieqa kkompetew f'dan ir-round li kienu Joel Scerri, Jamie Camilleri, Kenneth Debattista, Mario Scerri, Francis Spiteri, Robert Vassallo, Ryan Cassar, Lenadra Persiano u Alex Frendo.

Fl-ewwel semi-finali, Frendo għeleb lil Vassallo (0.920), f'ħin ta' 0.849 sekondi, filwaqt li fit-tieni semi-finali kien Cassar li ħareġ rebbieħ fuq Persiano (0.856) meta rreġistra ħin ta' 0.807 sekondi.

Fl-aħħar tar-round il-kompetituri spiċċaw f'din il-pożizzjoni - Alex Frendo (0.825), Leandra Persiano (0.836), Ryan Cassar (0.843), Robert Vassallo (0.844), Francis Spiteri (0.848), Mario Scerri (0.855), Kenneth Debattista (0.864), Jamie Camilleri (0.873) u Joel Scerri (0.919).












Scottish Open

# Marco Fu jegħleb lil John Higgins bi tmien frames konsekuttivi

minn **Kevin J. Vella**




Marco Fu (lemin) fl-azzjoni kontra John Higgins (xellug)

Marco Fu rkupra minn 4-1 minn taħt biex għeleb lil John Higgins 9-4 fil-finali ta' li Scottish Open li ntemm fi Glasgow fit-18 ta' Diċembru li għadda.

Higgins beda l-logħba b'mod brillanti bi tliet century breaks iżda wara ġie mċaħħad miċ-ċans li jirbaħ titlu f'pajjiżu, ftit mili bogħod minn Wishaw fejn twieled, mill-avversarju tiegħu.

Minflok, kien Fu li rebaħ tmien frames wara xulxin biex kiseb it-tielet titlu ranking tal-karriera tiegħu u l-premju ta' £70,000 kif ukoll it-trofew inawgurali msemmija għal-leġġendarju Stephen Hendry, l-iktar player li kiseb suċċess fl-istorja.

Ir-rebħa ssiġillat ġimgħa mill-aqwa għal Fu li fiha lagħab l-aqwa snooker tal-karriera tiegħu. Meta rebaħ 38 frames f'seba' logħbiet il-player ta' 38 sena għamel 11-il century breaks u 21 oħra fuq il-50.

Fu xejn ma beda l-istaġun tajjeb meta naqas li jissupera r-round tal-Aħħar 32 sakemm dan l-aħħar wasal sas-semi-finali tal-UK Championship. Fil-ġimgħa preċedenti huwa mar aħjar meta rebaħ l-ewwel titlu wara l-Australian Open 2013. Dik ir-rebħa kienet ukoll it-tieni li rebaħ fl-Iskozja wara li fl-2007 kien rebaħ il-Grand Prix, f'Aberdeen.

Fu issa rebaħ disgħa mill-15-il laqgħa ma' Higgins u mill-14-il post fir-rankings tela' fit-tmien wieħed.

In-numru tlieta, Higgins, falla ċ-ċans li jirbaħ id-29 titlu tiegħu li kien jarah jaqbeż lil Steve Davis u Ronnie O'Sullivan fil-lista ta' kull żmien, sebgħa biss wara r-rekord ta' 36 mirbuħa minn Hendry.

Meta bdiet is-sessjoni ta' fil-għaxija Fu għamilhom 4-4 u wara mar għall-ewwel darba minn fuq u minn hemm ma ħarisx lura waqt li l-10 frame rebħu bi break ta' 89 biex għamel l-iskor 6-4.

Imbagħad Higgins kellu ċ-ċans li jirbaħ il-11-il frame billi jikklerja l-mejda wara li Fu falla ħamra fil-pocket tan-nofs, iżda tilef il-pożizzjoni fuq ir-roża biex kien Fu li ppottja s-sewda u mar tliet frames minn fuq.

F'dan il-ħin Higgins kien tilef sitt frames wara xulxin u f'dak li kien imiss kellu ċans li jwaqqaf is-sensiela iżda wasal sa 24 punt biss qabel falla ħamra fil-pocket tan-nofs.

Wara logħob fuq id-difiża Fu ppottja ħamra fit-tul mal-mattunella fejn għamel break ta' 59 li kien biżżejjed biex sal-mistrieħ jagħmilhom 8-4 u jasal viċin ir-rebħa.

Fu deher li kien se jaqbeż il-linja tat-tmiem fl-14-il frame sakemm falla ħamra u waqaf fuq 60 b'Higgins ikollu l-aħħar ċans fejn għamel 27 qabel ma naqas li jikseb pożizzjoni fuq l-aħħar ħamra.

Aċċidentalment huwa ppottja r-roża meta kien qed jiddefendi tiegħu bit-tamiet li kellu għebu tant li l-għafis tal-idejn waslu meta ħalla l-ħamra mdendla fuq il-pocket.

"Ħassejt li ma titwemminx," qal Fu. "Li negħleb lil John fi Glasgow hija waħda mill-ikbar rebħiet tal-karriera tiegħi. Kienet okkażjoni kbira u rnexxieli nilgħab logħba tajba. Hija ħolma li saret realtà. Meta kont 3-0 minn taħt bżajt bil-mod li John kien qed jilgħab għax kien diffiċli li żżommu.

"Bdejt naħseb li wara l-ewwel sessjoni kont se nkun 7-1 minn taħt u għalhekk kont naċċetta li nkun 6-2. Iżda meta ġejna 4-4 kont fis-seba' sema b'dawk it-tliet frames li rbaħt minn 4-1 minn taħt kienu l-iktar parti importanti tal-logħba.

"Id-difiża tiegħi għenitni biex ikolli ċ-ċansijiet u "skorjajt" tajjeb matul il-ġimgħa kollha. Qabel il-UK Championship ħdimt fuq xi affarijiet tekniċi mal-coach Wayne Griffiths.

"Qattajt ħafna żmien nipprattika iżda anke f'York ma kontx daqstant kunfidenti. Ksibt xi ftit tal-forma lura fil-UK u din ġibtha miegħi f'dan it-tournament. Issa se nieħu vaganza fil-Milied u wara nipprepara għall-Masters," tenna Fu.

Min-naħa tiegħu Higgins qal: "Ix-shot li dawwar il-logħba kien meta konna 4-2 fejn kien fadal żewġ ħomor u missni lgħabt il-ħadra u ppruvajt inressaq ħamra minn mal-mattunella. Iżda lgħabt il-

kannella u fallejt double fuq il-ħamra.

"Dak li kien f'moħħi meta mort id-dar wara l-ewwel sessjoni. Lgħabt ix-shot il-ħażin u ġie lura biex jippersegwilani."

"Xorta ħassejtni tajjeb mal-4-4 iżda stajt lgħabt aħjar. Marco lagħab difiża tajba u għaldaqstant għalaqni. M'għandix x'nilmenta għax lagħab snooker mill-aqwa. Huwa ċertament li kien il-player tal-ġimgħa.

"Il-partitarji kienu fantastiċi u għalhekk jiddispjaċini li ma stajtx nagħmilha iktar interessanti għalihom biex joħolqu atmosfera tal-ġenn.

"Kelli xahrejn mill-aqwa meta rbaħt iċ-China Open u ċ-Champion of Champions u għalhekk se jkolli btajjel tajbin u wara nkun lest għall-Masters."

Il-frames kollha żvolġew hekk:

Martco Fu v John Higgins 9-4 – 0-126 (126), 25-102 (101), 0-100 (100), 106-1 (106), 0-78 (78), 101-28, 94-36 (58), 78-32 (54), 62-35, 89-0 (89), 66-57 (59), 84-24 (59), 68-34 (60).

L-ewwel tournament tal-Masters li sar f'Alexandra Palace, Londra, kien mill-15 sat-22 ta' Jannar ta' dan ix-xahar.



Marco Fu (fin-nofs) wara li ġie ppreżentat bli Stephen Hendry Trophy mill-player leġġendarju nnifsu (xellug)

**F-66.com German Master Qualifiers**

# Żewġ 'massimi' fi ftit minuti

Bejn is-6 u id-9 ta' Diċembru, f'Barnsley, l-Ingilterra, ntlagħbu r-rounds ta' kwalifikazzjoni tal-F-66.com German Masters fejn l-Aħħar 32 minn 128 player għaddew għall-fażi finali li ser tintlagħab, bejn l-1 u l-5 ta' Frar li ġej, f'Berlin, il-Ġermanja.

Ta' min isemmi li waqt dawn il-logħob saru żewġ breaks massimi ta' 147 fi spazju ta' 10 minuti f'żewġ logħbiet differenti. L-ewwel 147 sar mill-Ingliż, Alister Carter, li hu mlaqqam bħala il-'Kaptan' proprju għaliex huwa bdot tal-ajruplani, waqt il-logħba tiegħu kontra Wang Yuchen li huwa rebaħ bil-punteġġ ta' 4-0. Dan kien it-tieni punteġġ massimu kompetittiv għal Carter. L-ewwel wieħed kien irreġistrah fil-kampjonati tad-dinja, fl-2008, kontra Peter Ebdon fil-kwarti-finali.

Ftit minuti wara, kien l-Iskoċċiż, Ross Muir li għamel 147 ieħor kontra l-Brażiljan Itaro Santos. Dan kien l-ewwel punteġġ massimu għal Muir.

Fost il-players li kkwalifikaw għall-fażi finali nsibu lil Ronnie O'Sullivan, Jimmy White, Mark Allen, Stuart Bingham, Neil Robertson, Mark Williams u n-numru wieħed fil-klassifika, Mark Selby.

Il-player professjonali Malti, Alex Borg, safa eliminat fit-tieni round mill-Ingliż, Domenic Dale, bl-iskor ta' 5-1 wara li fl-ewwel round Borg kien għeleb lil Sydney Wilson 5-3 wara li kien qed jitlef 3-0.

# Għajnsielem Redcoats jiksbu fondi mill-UE għal proġett tas-softball




L-Għajnsielem Redcoats Sports Club li twaqqaf fl-2012, ingħata grant ta' aktar minn €58,000 permezz tal-Erasmus+ Sports: Small Collaborative Partnerships, għall-proġett immirat biex iżid l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isport, speċjalment is-softball. Il-proġett, imsejjaħ Inclusion and Gender Equality Through Softball (IGETS) se jiġbor flimkien tliet clubs tas-softball minn partijiet diversi tal-Ewropa – Għajnsielem Redcoats minn Għawdex, Malta, Olympia Haarlem mill-Olanda, u Softball Klub Princ Zagreb mill-Kroazja.

Il-proġett jinvolvi skambju tal-aħjar prattiċi relevanti għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isport, sforz biex iż-żgħażagħ jiġu mħeġġa biex jilagħbu softball u sports b'mod ġenerali, u biex tiżdied ir-rata ta' parteċipazzjoni fl-isport – speċjalment fost in-nisa u t-tfajliet billi ssir ħidma mal-partijiet konċernati f'kull pajjiż.

L-IGETS se żżid il-bini ta' kapaċitajiet tat-tliet organizzazzjonijiet rispettivi, l-istaff, kif ukoll toħloq network dejjiemi ta' koperazzjoni bejn is sieħba tal proġett. Il proġett huwa magħmul minn erba' attivitajiet transnazzjonali, flimkien ma' attivatijiet implimentati minn kull imsieħeb fil-pajjiż rispettiv tiegħu, mifruxa fuq sentejn.

Fl-ewwel attività transnazzjonali, il-coaches mit-tliet clubs se jiltaqgħu f'Għawdex biex jesploraw modi differenti kif jistgħu jinkoraġġixxu tfal anke mill-età żgħira ta' erba' snin biex jipparteċipaw fl-isports. Fit-tieni laqgħa transazzjonali, f'Haarlem (l-Olanda) se jaħdmu fuq il-bini ta' kapaċitajiet, speċjalment ta' coaches tal-pitching.

Objettiv ieħor ta' din l-attività hu li jiġi studjat il-lat amministrattiv fit-tmexxija ta' club tas-softball, u li jiġu esplorati modi ta' kif tista' titjib it-tmexxija tal-organizzazzjoni, fosthom anke metodi ta' ġenerar ta' fondi.

It-tielet attività transnazzjonali se ssir f'Zagreb, il-Kroazja. Dan se jkun kamp ta' taħriġ li se jgħaqqad il-livell limijiet ta' taħt is-17-il sena tal-clubs li qed jieħdu sehem. L-għan prinċipali ta' din l-attività hu li jiġu esplorati modi ta' kif jistgħu jibqgħu involuti players żgħażagħ, filwaqt li jsibu bilanċ mal-edukazzjoni tagħhom, jew anke l-ħajja tax-xogħol ladarba jibdew jaħdmu.

Il-laqgħa transnazzjonali finali se tkun konferenza għas-sieħba f'dan il-proġett bil-parteċipazzjoni ta' membri tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali tas-softball rispettivi tagħhom, u rappreżentanti mill-European Softball Federation.

Matul din il-konferenza, ir-riżultati tal-proġett jiġu mħabbra u se jiġi ppreżentat dokument lill-European Softball Federation għal aktar tixrid fost l-assoċjazzjonijiet ta' softball Ewropej affiljati magħhom. B'dan il-mod, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li se jirriżultaw mill-proġett tal-IGETS, jiġu komunikati ma' kull min hu assoċjat mal-fast pitch softball madwar l-Ewropa.

IGETS ġie konċeput grazzi għall-isforzi ta' Membri Parlamentari Ewropej, Dr Therese Comodini Cachia u Marlene Mizzi, li fi Frar li għadda stiednu lill-Gozo Sports Board fi Brussell biex jesploraw modi ta' kif l-organizzazzjonijiet tal-isport f'Għawdex jistgħu jkollhom aċċess għall-opportunitajiet ta' finanzjament mill-UE.

L-għajnuna tal-Malta EU Steering and Action Committee, MUESAC, kien indispensabbli matul il-proċess tal-applikazzjoni. Mingħajr l-assistenza dedikata mill-ħaddiema tal-MUESAC, l-IGETS ma kinitx tkun possibbli. Għajnsielem Redcoats kienu anke fortunati li l-proġett tagħhom kellu l-appoġġ mis-Segretarju Ġenerali tal-European Softball Federation, Mr Ami Baran. Issa li l-IGETS ingħata l fondi, kull min hu assoċjat mal-Għajnsielem Redcoats jinsab ħerqan biex jibda l-implimentazzjoni tal-proġett, li hu mistenni jtejjeb il-livell tal-logħob tagħna, u l-popolarità tas-softball f'Għawdex.

# Is-sitwazzjoni s'issa taż-żewġ kampjonati ....



Għajnsielem

Meta qbiżna l-ewwel round tal-Kampjonat BOV tal-Ewwel Diviżjoni, liema kampjonat huwa fuq bażi ta' tliet rounds, diġà jidhru ċerti ndikazzjonijiet dwar minn ser jisfida għall-kampjonat.

Kollox jindika li ser ikunu erba' t-timijiet li jistgħu jgħollu t-tazza tal-kampjonat fl-aħħar tal-istaġun. Għajnsielem, iċ-champions renjanti qed isibu sfida qawwija minn Xewkija Tigers, kif ukoll mill-promossi ta' Nadur Youngsters.

Anke Kerċem għad fadlilhom tamiet li jistgħu jisfidaw lit-timijiet l-oħra. Wieħed irid jara x'ser jiżvolġi dan ix-xahar fejn hemm il-possibbiltá li jsiru akkwisti ġodda b'mod partikolari ta' players barranin. Fil-fatt sa meta nkiteb dan l-artiklu, Għajnsielem bidlu lil Raphael Kooh Sohna mas-Senegaliż Demba Toure. Xewkija wara li tilfu s-servizzi ta' Daniel Bogdanovic wara li kiser siequ, komplew jissaħħu bl-akkwisti ta' Shaun Bajada u l-Ispanjol Aleandro José Samaniego Raya. Fil-konfronti diretti ta' bejniethom Għajnsielem rebħu lil Xewkija u lil Kerċem, filwaqt li tilfu kontra Nadur. Xewkija rebħu lil Kerċem u darbtejn lil Nadur. Il-Youngsters, min-naħa tagħhom, akkwistaw rebħiet kontra Għajnsielem u Kerċem. L-Ajax, min-naħa tagħhom ma rebħu l-ebda konfront dirett.

L-erba' timijiet l-oħra minkejja li huma wkoll kienu attivi fis-suq tat-transefirimenti, nistgħu ngħidu li wħud minnhom ma laħqux l-aspettattiva tagħhom. Oratory Youths imsawra b'nukleu ta' players Spanjoli jinsabu trankwilli fil-ħames post. Huma ħassew in-nuqqas tal-attakkant Brażiljan Everton Felipe Da Silva Santos li għadu jrid jirkupra wara li weġġa' f'waħda mill-partiti tagħhom. Victoria Hotspurs kienu l-iktar team li akkwista players u bla dubju l-iktar team li ma sabx il-formazzjoni stabbli u l-ambizzjonijiet tagħhom sfumaw fix-xejn.

Il-ġirien tagħhom ta' SK Victoria Wanderers komplew jibbażaw fuq players Serbi u l-istess jista' jingħad għalihom f'dak li hu diżappunt. Fl-aħħar post jinsabu Xagħra United li għadhom qed ifittxu l-ewwel rebħa tagħhom minkejja l-wirjiet qalbiena li qed juru.

Fil-Kampjonat BOV tat-Tieni Diviżjoni, li huwa fuq bażi ta' erba' rounds, jidher li kollox ser ikun bejn tliet timijiet. Sannat Lions jidhru li huma ambizzjużi li jirritornaw ma' ta' fuq, u l-istess jista' jingħad għar-relegati ta' St Lawrence Spurs. Anke l-ġirien tagħhom ta' Għarb Rangers jindikaw li ser ikunu sfidani serji. Fil-konfronti diretti Sannat ħadu telfa u rebħa kontra St Lawrence, filwaqt li għelbu lil Għarb.

Spurs, min-naħa tagħhom, kisbu rebħa u telfa wkoll kontra Għarb. Minkejja li xi timijiet ukoll huma ntenzjonati li jbiddlu lill-player barrani tagħhom, ftit jista' jfisser li dawn jistgħu jagħmlu xi kambjamenti partikolari. It-timijiet l-oħra ta' Żebbuġ Rovers, Qala Saints u Munxar Falcons jidhru li ser ikollhom kampjonat trankwill f'din id-diviżjoni nferjuri.



Xewkija Tigers



Nadur Youngsters



# Ir-relevanza kontinwa tad-diplomazija sportiva

Malta-EU Steering & Action Committee



## Minn James Azzopardi

L-isport huwa fattur soċjali li jista' jgħaqqad jew jifred komunitajiet u nazzjonijiet. Fil-fatt, kemm-il darba fl-istorja, l isport intuża bħala mezz ta' komunikazzjoni, u sfortunatament anki ta' konfrontazzjoni minn bosta pajjiżi madwar id-dinja.

Dan il-fattur hu magħruf bħala 'diplomazija sportiva' (sport diplomacy), li fl-aktar forma pożittiva tiegħu, jinqeda bl-isport biex itejjeb ir-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi u s-soċjetajiet fi ħdanhom. Il-fattur diplomatiku tal-isport affettwa ħafna pajjiżi, inkluż dawk tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-Unjoni nnifisha. Matul dawn l-aħħar sentejn fil-fatt, l-UE laqqgħet ex-atleti u esperti fil-qasam sportiv biex jiddiskutu d-diplomazija sportiva u l-effetti tagħha.

L-importanza għall-isport fl-UE ngħatat l-attenzjoni li ħaqqha meta l-isport ġie inkluż fil-konfigurazzjoni tal-Kunsill tal-UE għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, il-Kultura u l-Isport. Dan hu punt importanti ħafna minħabba li d-diplomazija sportiva saħħet u qiegħda ssaħħaħ l-għan diplomatiku ta' ħafna pajjiżi u atleti madwar id-dinja.

Nistgħu nsemmu bosta eżempji fejn l-isport ġie wżat bħala għodda diplomatika u ħafna drabi għaqqad nies ta' razez differenti u biddel il-fehmiet ta' soċjetajiet diversi. Eżempju mill-aktar klassiku huwa dak tal-Afrika t'Isfel u r-rugby, fejn il-mibki Nelson Mandela uża dan l-isport u t-Tazza tad-Dinja tar-rugby tal-1995 biex jgħaqqad soċjetà li kienet għadha mifnija mir-razziżmu u l-apartheid. Eżempju ieħor interessanti hu l-hekk imsejjaħ ping-pong diplomacy bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u ċ-Ċina fis-snin sebgħin. L-isport tat-table tennis fil-fatt intuża biex itejjeb ir-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ pajjiżi u saħansitra hu meqjus bħala mument importanti fl-istorja diplomatika ta' bejnietom. Bl-istess mod, fis-snin riċenti, il-cricket intuża biex diplomatikament iressaq l-Indja u l-Pakistan aktar viċin xulxin.

S'intendi, minħabba l-popolarità tiegħu, il-football kemm-il darba serva bħala għodda siewja fi sforzi diplomatiċi. Per eżempju, it-team Franċiż rebbieħ tat-Tazza tad-Dinja fl-1998 kien magħmul minn plejers b'kulturi ġenerazzjonali diversi, tant li kien imlaqqam 'it-team qawsalla' ('the rainbow team'). B'dawn l-elementi, dan it-team irnexxielu jgħaqqad pajjiż warajh u bla dubju, wara r-rebħa finali kontra l-Brażil, ta gost lill-partitarji kollha.

L-isport kemm-il darba ntuża wkoll bħala mezz biex isaħħaħ l-opportunitajiet għan-nisa, għall-persuni b'diżabbiltà u dawk vulnerabbli. Wieħed mill-aktar każijiet importanti f'dan l-aspett hu dak ta' Kathrine Switzer, li fl-1967 kienet l-ewwel mara li ħadet sehem fil-Maratona ta' Boston, li sa dak iż-żmien kienet miftuħa





biss għall-irġiel. Każ riċenti u delikat huwa dak tat-team nazzjonali tan-nisa tal-Istati Uniti li jridu li jitħallsu daqs l-irġiel.

Kif wieħed jista' jimmaġina, avvenimenti kbar bħall-Olimpjadi (kemm tas-sajf u tax-xitwa), edizzjonijiet tat-Tazza tad-Dinja ta' diversi sport u kampjonati kontinentali, ikkontribwew biex jibqgħu jikkontribwixxu għal iżjed okkażjonijiet ta' diplomazija sportiva, kemm mill-atleti stess u kif ukoll mill-pajjiżi parteċipanti. Fil-fatt, l-Olimpjadi tal-2016 kienu l-ewwel Olimpjadi fejn ħa sehem fihom team Olimpiku magħmul minn persuni refuġjati. Sfortunatament, dawn l-avvenimenti mhux dejjem jintużaw b'mod pożittiv. Jispikka l-aktar il-każ tal-'Gwerra tal-Football' bejn l-El Salvador u l-Guatemala, fejn tensjonijiet eżistenti splodew fi gwerra qasira wara rvellijiet waqt logħbiet għall-kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 1970, bejn iż-żewġ pajjiżi.

Minħabba l-impatt tad-diplomazija sportiva, aktar ma jmur, aktar qed titqies bħala mezz relevanti anki fl-UE u fl-Istati Membri. Fost l-azzjonijiet li ttieħdu fl-aħħar snin, fl-2015, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Tibor Navracsics, waqqaf gruppi ta' esperti u ex-atleti biex jeżaminaw il-valur tal-isport fil-politiki esterni tal-UE. Ir-riżultati ta' dan ir-rapport ħarġu, f'Ġunju 2016, u l-esperti fformulaw madwar 15-il rakkomandazzjoni fi tliet setturi: ir-relazzjonijiet esterni tal-UE, il-promozzjoni ta' valuri Ewropej f'avvenimenti sportivi, u l-iżvilupp tal-organizzazzjoni strutturali u kulturali tad-diplomazija sportiva.

Fost dawn ir-rakkomandazzjonijiet, tispikka l-enfasi fuq l-isport u l-effetti tiegħu, u li dawn għandhom jiġu inklużi fi ftehim li jsir ma' pajjiżi terzi biex tassew jintuża għal skop diplomatiku. Issemmew ukoll: l-użu ta' esperti u ex-atleti Ewropej fit-tfassil tal-politika tal-UE f'dan il-qasam; li l-isport għandu jiġi inkorporat fl-istrateġiji tal-UE; u li għandha tingħata importanza lill-karatteristika tal-isport li jsaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-opportunitajiet għan-nisa, u t-tisħiħ ta' persuni b'diżabbiltà. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet kienu segwiti b'seminar fuq livell Ewropew, f'Diċembru 2016, fejn ġiet ikkonfermata l-importanza tal-isport anki fid-diplomazija. It-tisħiħ tal-isport fl-UE isseħħ ukoll permezz ta' proġetti li jitwettqu bil-fondi tal-UE, fosthom l-Erasmus+.

Matul il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-UE, bis-sehem ta' SportMalta, se jiġu organizzati diversi laqgħat dwar aspetti differenti tal-isport. Dawn il-laqgħat jiġbru nies minn madwar l-UE kollha u dan il-kunċett isaħħaħ l-argument li l-isport jgħaqqad popli differenti u li d-diplomazija sportiva sseħħ f'livelli varji. Okkażjoni bħal din tagħti ċans lill-Presidenza tkun opportunità għal pajjiżna biex waqt li tlaqqa' ministri u esperti, tkun strument ta' għaqda.

Dan kollu juri li s-saħħa tal-isport ma tistax tiġi sottovalutata. Daqskemm hu possibbli li jifred, l-isport kapaċi jgħaqqad, anki minħabba l-emozzjonijiet li joħloq. L-isport għandu jintuża aktar bħala għodda biex iqarreb lill-pajjiżi u liċ-ċittadini tagħhom flimkien, partikolarment fi żmien fejn aktar tinħass il-firda milli l-għaqda, u fejn qed jingħataw iktar importanza d-differenzi milli l-affarijiet li jgħaqqdu. Kif qal Mandela, "l-isport għandu l-potenzjal li jibdel id-dinja [...] u li joħloq it-tama fejn hemm id-disperazzjoni. [...] L-isport hu l-logħba ta' min iħobb".



Kampjonat 1962-63

# Valletta jirreġistraw rebħa kbira ta' 6-0 fuq Floriana

minn **Tonio Farrugia**

**Ir-Sitt Ġurnata**

**09-12-1962:**
**St. George's FC – Rabat FC 3-0**
**H.T.: 1-0**
**Ref: Pawlu Bonnett**
**Skurjaw: S. Scicluna (S) 43', N. Mizzi (S) 65' u E. Mizzi (S) 79'.**

**St. George's FC**: Pawlu Nappa, Karmenu Frendo, Joe Brincat, Leonard Mizzi, Peppi Delceppo, Freddie Delia, Victor Brincat, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Wally Hili.

**Rabat FC**: Charles 'Kastru' Zerafa, Joe Bugeja, Joe Grech, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Charles Zammit, Charles Nappa (John Sapiano 46'), George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Albert Castillo.

1. Twanny Vassallo ta' Rabat FC falla d-draw meta fil-61 minuta laqat il-wieqfa minn penalty.
2. Fi tmiem din il-ġimgħa ntlagħbet partita waħda biss mill-Ewwel Diviżjoni minħabba li ġurnata qabel kien hemm il-partita internazzjonali bejn Malta u d-Danimarka (1-3).

**15-12-1962:**
**Sliema Wdrs. FC – Ħamrun Sp. FC 1-0**
**H.T.: 1-0**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skorja: J. Cini (S) 3'.**

**Sliema Wdrs. FC**: Freddie Debono (Ray Cosby 58'), Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Joe Aquilina, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Peter Fitzgerald (Alfred Pisani 46'), Joe Cini, Edward Aquilina, Sammy Nicholl.

**Ħamrun Sp. FC**: Vince Tedesco, Martin Attard, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'In-Nene' Grech, George Cuschieri, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Albert Calleja (Gejtu Briffa 61'), Freddie 'It-Tirjule' Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar, George Micallef.

1. Il-president Mike Tonna, it-teżorier Carmel Vassallo u l-players George Tonna u Vince Vassallo kollha ta' Rabat FC spiċċaw l-isptar meta l-karozza li kienu fiha kienet involuta f'aċċident tat-traffiku. Huma kienu fi triqthom lejn l-Empire Stadium fil-Gżira sabiex isegwu l-partita tal-kampjonat bejn Sliema Wdrs. FC – Ħamrun Sp. FC. B'konsegwenza ta' dan l-aċċident, ġurnata wara Rabat FC irnexxielhom jgħaqqdu biss 10 players għall-partita mill-kampjonat tal-Under 21 kontra St. George's. Minkejja kollox huma xorta kisbu draw ta' 2-2.
2. Il-goalkeeper Ray Cosby irritorna għall-football tal-Ewwel Diviżjoni wara nuqqas ta' sena meta fit-58 minuta huwa daħal minflok il-goalkeeper Freddie Debono li weġġa' imnieħru f'inċident fil-penalty area tal-Wanderers. L-aħħar dehra ta' Cosby kienet fit-2 ta' Diċembru 1961 fit-telfa ta' 2-0 tal-Wanderers kontra Floriana.

**16-12-1962:**
**Hibernians FC – Birkirkara FC 3-0**
**H.T.: 2-0**
**Ref: Ritchie Casha**
**Skurjaw: V. Cassar (H) 17', L. Sultana (H) 32' u V. Cassar (H) 67'.**

**Hibernians FC**: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu 'Karettuni' Gatt, Johnnie Attard, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Louis Theobald, Eddie Sultana, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb (Joe 'Il-Moru' Ebejer 55'), Joe 'Il-Felli' Ciantar.

**Birkirkara FC**: Joe Garrett, Carmelo Micallef, Pawlu Barbara, Leli Pace, Leli 'Id-Diju' Borg, George Dalli, Leli Theuma, Leli Tonna, Toni Caruana, Wally Dimech Debono, Neville Chappelle (Carmelo Galea 46').

**22-12-1962:**
**Valletta FC – Floriana FC 6-0**
**H.T.: 2-0**
**Ref: Tommy Restall**
**Skurjaw: J. Urpani (V) 25', M. Azzopardi (V) 32' u 73', J. Urpani (V) 85', J. Zammit (V) 88' u M. Azzopardi (V) 89'.**

**Valletta FC**: Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Frankie Zammit, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Tony Calleja, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

**Floriana FC**: Charlie Fabri, Lolly Debattista, Nenu 'Wiżża' Mackay, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Lolly Borg, Tony Griffiths, Louis Bugeja, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Tliet minuti mit-tmiem Joe Zammit falla milli jiskorja penalty għal Valletta. Madankollu Valletta xorta waħda żiedu l-iskor meta fit-tliet minuti li kien fadal skurjaw darbtejn oħra sabiex kisbu l-ikbar rebħa fuq ir-rivali tagħhom Floriana. Joe Zammit kien qed jilgħab għall-ewwel darba ma' Valletta f'dan il-kampjonat wara li kien kważi ngħaqad ma' Sliema Wanderers.
2. Debutt li jridu jinsew malajr għal Tony Griffiths u l-attakkant Louis Bugeja.




Tony Cauchi fl-azzjoni għal Floriana




Frankie Zammit fl-azzjoni għal Valletta

iż-żewġ players ġodda li Floriana akkwistaw mingħand Sliema Wdrs. FC u Birkirkara FC rispettivament. Floriana ħallsu lil Birkirkara £620 ta' Louis Bugeja filwaqt li Griffiths kien seħibhom fuq free transfer wara talba tal-istess player lill-club tal-Wanderers minħabba li ma rnexxielux jikseb post mal-ewwel ħdax.

3. Floriana FC niżlu għal din il-partita mingħajr l-attakkanti regolari tagħhom Billy Dalli u Tony Cauchi.
4: Mario Azzopardi skorja sitt goals f'dawn l-aħħar żewġ logħbiet tal-kampjonat ta' Valletta. Barra minn hekk fi friendly li Valletta lagħbu fost il-ġimgħa kontra r-Royal Air Force (RAF), Mario Azzopardi kien għal darb'oħra protagonista meta skorja t-tliet goals Beltin fir-rebħa ta' 3-1.

Klassifika: Sliema Wdrs. FC 10 pti.; Valletta FC 9 pti.; Hibernians 8 pti.; Floriana FC 7 pti.; St. George's FC 6 pti.; Ħamrun Sp. FC 5 pti.; Rabat FC 2 pti.; Birkirkara FC 1 pt.

L-Aqwa Skorers: M. Azzopardi (Valletta FC) 9 goals; T. Cauchi (Floriana FC); V. Cassar (Hibernians FC) 5 goals; B. Dalli (Floriana FC) L. Sultana (Hibernians FC) u J. Urpani (Valletta FC) 4 goals.

### It-Seba' Ġurnata

**23-12-1962:**
**Hibernians FC – Ħamrun Sp. FC 4-2**
**H.T.: 2-0**
**Ref: Ritchie Casha**
**Skurjaw: o.g R. Armeni (Hibs) 4', E. Theobald (Hibs) 39', T. Cassar (Ħam) 47' u 62', V. Cassar (Hibs) 64' u E. Theobald (Hibs) 84'.**

**Hibernians FC**: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu 'Karettuni' Gatt, Johnnie Attard, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Louis Theobald, Leli Sultana, Victor 'Il-Palun' Cassar, Jimmy Mizzi, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

**Ħamrun Sp. FC**: George Sciberras, Ronnie Armeni, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Martin Attard, John Fondacaro, George Cuschieri, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Twanny 'Il-Ginger' Cassar, Carmelo 'In-Nene' Grech, Edward Spiteri (Gejtu Briffa), George Micallef.

**05-01-1963:**
**Sliema Wdrs. FC – Birkirkara FC 2-1**
**H.T.: 2-1**
**Ref: Joseph Agius**
**Skurjaw: J. Cini (S) 14, R. Buttigieg (S) 25' u L. Tonna (B) 40'.**

**Sliema Wdrs. FC**: Freddie Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Joe Aquilina, Lino 'Il-Fus' Falzon, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri, Joe Cini, Edward Aquilina, Sammy Nicholl.

**Birkirkara FC**: Peter Galea, Carmelo Micallef, Leli 'Id-Diju' Borg, Leli Pace, John Camilleri, George Dalli, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Leli Tonna, Toni Caruana, Wally Dimech Debono, Pawlu Barbara.

1. Ronnie Cocks u Lino Falzon iddebuttaw ma' Sliema Wdrs. Cocks ġie akkwistat mingħand Gżira United filwaqt li Lino Falzon ġie akkwistat mingħand Mosta FC.

**06-01-1963:**
**Floriana FC – St. George's FC 1-1**
**H.T.: 1-1**
**Ref: Turu Lentini**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 24' u E. Mizzi (S) 31'.**

**Floriana FC**: Charlie Fabri (Salvu Alamango 46'), Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Louis Bugeja (Wistin Mallia), Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**St. George's FC**: Pawlu Nappa, Karmenu Frendo, Joe Brincat, Freddie Delia, Leonard Mizzi, Peppi Delceppo, Victor Brincat, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Salvu 'Scotch' Sciclunа (Freddie Wilson), Wally Hili (Franz Buttigieg).

**12-01-1963:**
**Valletta FC – Rabat FC 5-2**
**H.T.: 4-1**
**Ref: Carmel Galea**
**Skurjaw: T. Calleja (V) 4', M. Azzopardi (V) 15', G. Tonna (R) 17', J. Zammit (V) pen. 19', J. Urpani (V) 39', L. Gauci (R) 60', P. Gauci (V) 70'.**

**Valletta FC**: Tommy Taylor, Walter Bono, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Frankie Zammit, Joe 'Il-Ginger' Zammit (Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci 57'), Josie Urpani, Mario Azzopardi, Tony Calleja, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

**Rabat FC**: Charles 'Kastru' Zerafa, Joe Bugeja, Joe Grech, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Charles Nappa (John Sapiano 15'), Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Fredu Church, Charles Zammit, Nenu Chircop, George 'Ta' Ġulinu' Tonna (Lino Gauci 46'), Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

1. Fil-50 minuta, Joe Zammit inkariga ruħu minn penalty ieħor favur Valletta iżda falla meta ra lill-goalkeeper Zerafa jsalvalu x-xutt tiegħu. Iż-żewġ penalties favur Valletta, it-tnejn ingħataw għall-hands ball ta' Johnnie Azzopardi.
2. Wara karriera ta' 15-il sena ma' Hibernians FC, Fredu Church iddebutta ma' Rabat.
3. Player ieħor li kien qed jiddebutta mal-Magpies kien Nenu Chircop. Fil-fatt Rabat FC u Valletta FC kienu laħqu ftehim biex jibdlu lill-players Nenu Chircop u Pawlu Carbonaro. Dan tal-aħħar kien diġà lagħab ma' Valletta fl-istaġun li għadda.
4. Għal darb'oħra il-gazzetti tal-epoka kienu konfużi fir-rappurtaġġ tagħhom fejn jidħol isem ir-referee li kkontrolla l-partita. Skond 'The Voice of Malta' u 'It-Torċa', ir-referee li kkontrolla l-partita kien J. F Galea (Joseph Francis Xavier Galea) u 'The Times of Malta' u 'Il-Berqa' niżżlu lil C. Galea (Carmel Galea).
5. Valletta FC mill-ġdid kienu taħt il-gwida tal-ex-player u ex-coach tagħhom Karm Borg wara li dan irriżenja mill-kariga ta' coach tat-team nazzjonali ftit ġranet wara t-telfa mad-Danimarka.

Klassifika: Sliema Wdrs. FC 12-il pt.; Valletta FC 11-il pt.; Hibernians FC 10 pti.; Floriana FC 8 pti.; St. George's 7 pti.; Ħamrun Sp. FC 5 pti.; Rabat FC 2 pti.; Birkirkara FC 1 pt.

L-Aqwa Skorers: M. Azzopardi (Valletta FC) 10 goals; T. Cauchi (Floriana FC) u V. Cassar (Hibernians FC) 6 goals; J. Urpani (Valletta FC) 5 goals; B. Dalli (Floriana FC), L. Sultana (Hibernians FC), E. Mizzi (St. George's FC) u J. Cini (Sliema Wdrs. FC) 4 goals.




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Manchester United

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar, 2017

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Manchester United ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 117

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 117 huwa:
**S. Formosa - Swieqi**





# Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 117

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | J | O | R | N | V | A | S | S | A | L | L | O | |
| E | | K | | Y | | R | | A | | A | | R | |
| D | O | W | L | I | N | G | | C | O | T | T | E | E |
| I | | O | | L | | E | A | R | | I | | L | |
| N | E | U | M | A | N | N | | A | R | N | O | L | D |
| G | | S | | S | | T | O | M | | O | | A | |
| F | L | A | M | I | N | I | | E | L | | A | N | O |
| I | | | A | | | N | | N | I | E | V | A | S |
| E | S | T | U | D | I | A | N | T | E | S | | | A |
| L | E | | R | | V | | G | O | R | S | K | I | |
| D | E | B | O | E | R | | O | | | A | | V | |
| | L | | Y | | E | L | L | I | N | G | T | O | N |
| | E | | | C | A | I | O | | A | | | N | |
| P | R | E | U | D | | F | | G | Y | L | M | A | R |

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO** Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar 2017: **Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 117:
**B. Calleja - Iklin**

**MIMDUDIN**

1) Club tal-Football Brażiljan involut fit-traġedja tal-ajru 3 xhur ilu (11)
8) Gambin, winger Malti ta' Barnet f'League Two fl-Ingilterra (4)
9) "Central ....... Bears", club tal-Baseball Amerikan (8)
11) Cristin, midfielder attwali tal-Costa Rica (8)
13) "Belle .......", debba Franċiża ta' 6 snin (7)
14) Antonio ....... Mlinar, footballer Sloven li lagħab kontra Malta fl-2016 (7)
17) Jeremy, judoka Malti rebbieħ ta' diversi midalji internazzjonalment (7)
19) Benjamin, difensur barrani ta' Marsa FC (6)
21) Hamm, footballer irtirita Amerikana b'2 midalji Olimpiċi tad-deheb (4)
22) Youth Nusery (1,1)
23) u 31) "...... De Melleray, żiemel Franċiż ta' 12-il sena (6)
25) Silvio, l-iskultur tal-FIFA World Cup Trophy li miet f'Ottubru 2016 (9)
28) Grzegorz, 100 partita u 45 goal għal Polonja (4)
29) Estádio ..... de Castro Melo, stadium tal-Atletika fil-Brażil (5)
30) Alvaro, il-player Spanjol ta' Hibernians Basketball f'Malta (6)
31) Ara 23 Mimdudin
33) Busuttil, player internazzjonali Malti ta' li Snooker (5)
34) Herman, weightlifter internazzjonali Malti (4)
35) Toni "Il-.." Ellul, qaddief leġġendarju Malti (3)

**Weqfin**

1) Eks qaddief u player tad-Darts Malti li miet is-sena li għaddiet (7,7)
2) Club Malti tal-Arti Marzjali (6,6)
3) Juan, eks attakkant Arġentin ta' Real Madrid u Juventus (8)
4) "..... Du Pont", żiemel Franċiż ta' 15-il sena (5)
5) u 10) Sewwieq tal-Formula 1 Brażiljan tas-Sauber (4)
6) Gialanze, footballer tat-tim tan-Nisa ta' Hibernians (6)
7) Club tal-Premier League tal-Kazakhstan (6)
10) Ara 5 Weqfin
12) Cristina, atleta Maltija żagħżugħa u promettenti (7)
15) Club minn La Liga fi Spanja (8)
16) Tirop Matui, maratoneta Kenjan rebbieħ f'erbgħa kontinenti (4)
18) André, eks goalkeeper ta' VfL Wolfsburg (4)
20) Zammit jew Bezzina, it-tnejn Jockeys Maltin (4)
22) Polidano, segwiet il-passi ta' missierha fil-Badminton (6)
24) Pullicino, ċiklista internazzjonali Maltija (6)
26) Żiemel Svediż ta' 12-il sena (5)
27) Khanna, player internazzjonali Malti tal-Cricket (5)
32) "Isard .. Pont", simbolu tal-isport tat-tiġrijiet taż-żwiemel f'Malta (2)

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00
Sat 08.00 - 18.00
Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230
6 months €160
3 months €110
1 month €50
daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 40 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt